# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma illum 18 ta' Jannar 2017.**

**Rikors Numru 68/2013 CSH**

**D-Consulta Limited (C28861)**

**vs**

**Villa Arrigo Limited (C8053)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promoturipprezentat mis-socjeta' rikorrenti fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Marzu 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' intimata thallasha s-somma komplessiva ta' hamest elef seba' mija u sbatax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€5,717.65) komprizi mis-somma ta' erbat elef, sitt mija u wiehed u tletin ewro u hamsin centezmu (€4,631.50) ghal servizz ta' *project management* u mis-somma ta' elf sitta u tmenin ewro u hmistax-il centezmu (€1,086.15) bhala *success fee* u dana skont il-ftehim tal-15 ta' Gunju, 2009 bl-ispejjez ghas-socjeta' konvenuta.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata **Villa Arrigo Limited** li giet ipprezentata fl-4 ta' April 2013 fejn eccepiet:

*1. "Illi fl-ewwel lok, ghal dak li jirrigwarda is-somma ta' €4,631.50, ma giet pattwita l-ebda hourly rate u tali talba m'hijiex konsistenti ma dak miftihem bejn il-partijiet;*

*2. Illi fit-tieni lok, ghal dak li jirrigwarda is-somma ta' €1,086.15, l-ebda success fee ma hija dovuta ghaliex l-eccipjenti sahansitra spiccat tilfet fondi b'rizultat tax-xoghol li sar mir-rikorrenti u l-fondi li spiccaw ingabru kienu biss rizultat ta' sforzi u xoghol da parti tal-eccipjenti;*

*3. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, ix-xoghol li sar mir-rikorrenti ma kienx skont is-sengha u l-arti u ma kienx in konformita mal-ftehim ta' bejn il-partijiet.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat in-nota tas-socjeta' rikorrenti D-Consulta Limited li giet ipprezentata fit-2 ta' Ottubru 2013 li permezz taghha pprezentat affidavit tad-direttur taghha Michael Debono.

Rat l-affidavit ta' **Michael Debono** fejn iddikjara li s-socjeta' D-Consulta Limited hija kumpanija registrata mal-MFSA li tispecjalizza fl-arena tal-fondi Ewropej. Huma ilhom jaghmlu xoghol relatat ma' fondi Ewropej ghal dawn l-ahhar seba' snin. Iddikjara li huwa d-direttur manigerjali tal-kumpanija u ilu nvolut f'dan is-settur sa mis-sena 2004 u hadem fis-settur ta' fondi Ewropej allokati ghal Malta bhala pajjiz, dak iz-zmien, applikant ghall-accessjoni mal-Unjoni Ewropeja.

Is-soċjeta' D-Consulta Limited hija ditta li toffri servizzi ta' preparazzjoni u sottomissjoni ta' applikazzjonijiet ghall-fondi Ewropej, hekk imsejha *grants*, f'isem organizzazzjonijiet varji, bhal ditti kummercjali f'setturi varji, "*non-profit organisations*", unions, ko-operattivi u entitajiet ohrajn.

Ix-xhud spjega li l-proċess ta' otteniment ta' fondi Ewropej hu mogħni b'numru ta' regolamenti u dixxiplina rigoruza u għalhekk huma joffru dan is-servizz għall-kumpaniji li jew ma jkunux midħla, jew ma jkollhomx ir-riżorsi jew il-kapaċita` teknika biex isegwu dan il-proċess pjuttost estensiv u kkumplikat.

Ix-xhud tenna li minbarra s-servizz ta' assistenza fil-process ta' applikar ghall-fondi, id-ditta tispecjalizza wkoll fix-xoghol ta' implimentazzjoni ta' tali progetti. Dan ix-xoghol li jissejjah bit-terminu "*project management*" ivarja minn klijent ghall-iehor, imma normalment jikkonsisti fil-mili ta' formola ta' "*claims*" ghall-fondi u dikjarazzjonijiet li huma mitluba maghhom, bhall-"*progress reports*", preparazzjoni tad-dokumenti li jissostanzjaw il-"*claim*" ghall-*grant*, bhall-kopji ta' stejjem, fatturi u prova ta' pagament. Xoghol integrali f'dan il-process huwa z-zamma ta' dak li jissejjah il-"*project file*" li jkun jinkorpora d-dokumentazzjoni u korrispondenza kollha relatata mal-progett.

Ix-xhud iddikjara li s-socjeta' D-Consulta kienet ġiet ikkuntatjata mis-soċjeta' intimata Villa Arrigo Limited għax xtaqu li jwettqu proġett ta' tisbieħ u ristorazzjoni tal-proprjeta` tagħħom possibilment bl-użu ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja. D-Consulta, tat il-parir li ssir applikazzjoni ghall-fondi Ewropej taht il-kappa tal-iskema mahruga mill-entita' responsabbli ghall-fondi Ewropej relatat mat-turizmu u dan ghar-raguni li Villa Arrigo Limited xtaqu li jaghmlu xoghol ta' ristorazzjoni u anke interventi ohra, bil-ghan li jkunu jistghu jattiraw klijenti barranin lejha.

L-iskema applikabbli ghall-progett kienet l-iskema imsejjha "*ERDF135 EU Grant Scheme for Sustainable Tourism Pojects by Enterprises*", gestita minn Unit apposta, imsejjah it-"*Tourism and Sustainable*

*Development Unit*" [TSDU], li kien parti mill-Ministeru tat-Turizmu, Kultura u l-Ambjent. Din l-iskema hija bbazata fuq sistema ta' numru ta' sejhiet kompettitivi li johorgu perjodikament mill-awtorita' responsabbli bil-ghan li jigu utilizzati l-fondi allokati mill-gvern centrali u l-Unjoni Ewropeja taht l-"*Operational Programme 1 – Cohesion Policy 2007-2013 Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life*".

Rigward din l-iskema x-xhud spjega li tirrikjedi li l-applikant jipprezenta applikazzjoni u numru konsiderovoli ta' dokumenti relatati u dikjarazzjonijiet varji. Din tkun tikkonsisti fi progett li jkun intiz biex isir ameljorament fl-intrapriza kummercjali li jirrikjedu numru ta' tipi ta' interventi ta' investiment, cjoe`:

1. "*Upgrade*" tal-prodott u investiment f'makkinarju u ekiwpaġġjament

2. Investiment f'mizuri favur l-ambjent

3. Investiment f'teknologija tal-informatika u kommunikazzjoni

4. Investiment ta' natura imprenditorija

5. Investiment ta' "marketing" u promozzjoni tal-kumpanija

Ix-xhud stqarr illi f'din l-iskema jigi sottomess "*budget*" dettaljat ta' diversi xoghlijiet taht numru ta' interventi msemmija iktar 'il fuq, fejn it-total ta' dan il-"budget" ikun meqjus bhala l-valur komplessiv tal-progett. L-applikant wara li l-applikazzjoni tieghu tghaddi minn diversi processi ta' evalwazzjoni u jkun eligibbli ghall-grant din tiġi mqassma skond l-iskeda segwenti:

- 30% (tletin fil-mija) tal-valur komplessiv tal-progett f'kaz ta' applikant meqjus bhala "*large enterprise*",

- 40% (erbghin fil-mija) tal-valur komplessiv tal-progett f'kaz ta'; applikant meqjus bhala "*medium enterprise*",

- u 50% (hamsin fil-mija) tal-valur komplessiv tal-progett f'kaz ta'; applikant meqjus bhala "*small enterprise*".

Biex il-beneficcjarju jottjeni l-"*grant*" allokata lilu jrid jimplimenta l-attivitajiet li jkunu inkorporati fil-progett fiz-zmien indikat fl-applikazzjoni u l-progett kollu jkun irid ilesti l-attivitajiet kollha fiz-zmien stipulat ghall-progett. Ghal kull attivita' fl-applikazzjoni l-applikant irid jissottometti tliet stejjem li wahda minnhom tkun indikata bhala l-istima preferuta. Meta l-fornitur li tieghu l-istima relattiva ghal dik l-attivita' jforni lill-beneficcjarju s-servizz jew prodott miftiehem, il-fornitur johrog fattura li tkun mhallsa mill-beneficcjarju minn kont bankarju allokat ghall-progett. L-iskema tipprovdi li l-fattura u l-pagament iridu jkunu konformi mal-istima u kwalunkwe varjazzjoni trid tigi notifikata minn qabel lill-awtorita'. L-ebda bidla ma' tkun tista' ssir minghajr l-approvazzjoni qabel il-fatt mill-awtorita'. Il-beneficcjarju jista' jaghmel jew "*claim*" wahda fl-ahhar tal-progett jew inkella ohra meta nofs il-valur komplessiv tal-progett ikun gia minfuq. Kull "*claim*" tikkonsisti fil-preparazzjoni ta' numru ta' dokumenti u cioe':

- Doc A - *Request for reimbursement of payments made by beneficiary*

- *Annex 1 Claim Form ERDF Aid Schemes*

- *Inventory template for Equipment/Supplies funded through an Aid Scheme*
- *Annex 3 – Progress Report*
- *Annex 4 - Payment Claim Template*

Liema kopji ta' dawn it-"*templates*" huma annessi mal-affidavit u mmarkati bħala Dok 'A' – Appendiċi 3.

Ix-xhud tenna li ma' kull *"claim*" jigu annessi numru ta' dokumenti relatati fosthom stejjem, fatturi u kopji ta' pagamenti. Fl-ahhar tal-progett jigu wkoll sottomessi dokumenti ohra fosthom ircevuti ta' licenzji, "*financial statements*" awditjati tal-kumpanija u wkoll sottomissjonijiet rigward il-"*project indicators*". Dawn huma dati statistici fir-rigward tal-indikaturi tal-progett, hekk imsejha, "*output indicator*", "*result indicators*" u "*impact indicators*", li jirrigwardaw l-impatt tal-progett fir-rigward ta' mpjiegi, "*performance*" ekonomika tal-progett u impatt ekonomiku tal-progett. Il-beneficcjarju jrid jara li jottempera ruhu mar-regoli ta' pubblicita` applikabbli ghall-progett tieghu u jipprepara plakka ta' kommemorazzjoni tal-progett, "*stickers*" u anke gieli bidliet fis-sit elettroniku jew fis-"*software*" tieghu biex jindika li tali attivitajiet kienu beneficcjarji ta' fondi Ewropej taht l-iskema msemmija iktar 'il fuq. Kull "*claim*" imressqa tkun analizzata u studjata mill-awtorita' kompetenti u jsiru rikjesti ta' kjarifikazzjoni u fejn ikun mehtieg modifikazzjonijiet fil-"*claim*". Fl-ahhar tal-progett l-awtorita` kompetenti, it-TSDU, tigi fuq il-post fejn taghmel verifika tal-"*project file*" u anke verifika fizika li l-interventi jkunu verament saru u li saret il-pubblicita' meħtieġa. It-TSDU tqabbad ukoll ditta privata ta' "*surveyors*" biex taghmel verifika teknika fuq il-progett billi tara li x-xoghol fuq l-attivitajiet sar skont is-sengha u l-

arti u l-prodotti mixtrija kienu jikkonformaw mal-ispecifikazzjoni imsemijja fuq l-istima relattiva.

Is-socjeta' D-Consulta tkun involuta matul il-process kollu tal-implimentazzjoni tal-progett u l-klijent jitlob li tkun:

- responsabbli biex tirrispondi ghall-mistoqsijiet imqajma mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Progetti;
- responsabbli biex jaghmlu rikjesti ghall-bidliet fil-"*project timeline*", stejjem, forrnituri u bidliet ohra li jimpinġu direttament fuq l-applikazzjoni hekk kif kienet accettata;
- il-preparazzjoni u l-manteniment kontinwu tal-"*project file*";
- Il-preparazzjoni ta' kull "*claim*" ghall-fondi u kwalunkwe bidliet successivi u risposti ghall-mistoqsijiet jew kjarifikazzjonijiiet imqajma mill-awtorita` kompetenti;
- Il-koordinament, l-attendenza u kwalunkwe xoghol sussegwenti, relatat maż-żjara fuq il-post mill-awtorita` kompetenti biex jivverifikaw il-"*project file*" u l-attwazzjoni tal-progett;
- Il-koordinament, l-attendenza u kwalunkwe xoghol sussegwenti, relatat maż-żjara fuq il-post mid-ditta ta' "*surveyors*" imqabbda mill-awtorita` kompetenti biex jivverifikaw l-attwazzjoni tal-progett mill-aspett tekniku;
- Il-preparazzjoni u sottomissjoni tad-dokumenti rikjesti lejn l-ahhar tal-progett bhal "*financial statements*" awditjati fost l-oħrajn;
- Il-preparazzjoni u sottomissjoni tar-rizultati tal-progett fir-rigward tal-indikaturi tal-proġett.

Ix-xhud irrileva li kull impjegat li jaħdem ma' D-Consulta huwa obbligat li jżomm u jippreżenta lill-"*management*", rendikont tal-ħinijiet maħduma matul ix-xahar. Dan id-dokument huwa msejjah "*timesheet*" u jkun sottomess u vverifikat mill-"*management*" minn xahar għal xahar. Fuq il-bażi ta' dawn it-"*timesheets*" il-kumpanija tipprepara rendikont imsejjaħ "*Project Management Timesheet*" li fih ikun hemm elenkati d-data ta' kull meta kull persuna ħadmet fuq dak il-proġett flimkien ma' spjegazzjoni tat-tip ta' xoghol li jkun sar. Zied jispjega li s-servizzi elenkati taħt is-sezzjoni "*l-involviment ta' D Consulta*" jigi msejjah bhala "*project management*" b'mod ġenerali mill-kumpanija u kwalunkwe riferenza għall-"*project management*" f'dan l-affidavit u dokumenti relatati ghandha titqies esklussivament bhala riferenza għas-servizzi msemmija iktar 'il fuq.

Ix-xhud spjega li wara numru ta' laqgħat bejnu, xi impjegati tieghu, u s-Sinjura Veronica Zammit Tabona li hija d-direttur tas-socjeta' intimata rigward il-possibilita` li ssir applikazzjoni taht l-iskema msemmija iktar 'il fuq, Villa Arrigo tat l-inkarigu lil D-Consulta sabiex tlesti dan ix-xogħol saż-żmien tas-sejha li kien imiss.

Din l-applikazzjoni ġiet ippreparata mill-istaff ta' D-Consulta Limited u pprezentata fl-għeluq tat-tieni sejħa tal-iskema nhar it-**30 ta' Novembru, 2009** [emfasi tal-esponent]. D-Consulta, f'isem l-applikant inghatat ittra ta' "*acknowledgement*" tal-applikazzjoni ghall-fondi datata 30/11/2009 mit-TSDU, kopja ta' din l-ittra qiegħda tigi annessa flimkien ma' dan l-affidavit u immarkata bħala Dok 'B' - Appendici 3.

L-applikazzjoni għaddiet minn numru ta' processi ta' evalwazzjoni u finalment ġiet accettata mit-TSDU. Ta' min jghid ukoll li n-numru ta'

applikazzjonijiet ghal dik is-sejha partikolari kien wieħed konsiderevoli u l-applikazzjoni redatta minn D-Consulta f'isem il-klijent kienet wahda minn tlieta u hamsin (53) applikazzjoni, li gew accettati hekk kif jidher mill-lista ufficjali mahruga mit-TSDU u ppublikati fuq is-sit elettroniku taghhom, *https://investinginyourfuture.gov.mt/project/heritage-and-tourism-private-sector/grant-scheme-for-sustainable-tourism-projects-by-enterprises*. Din il-lista hi annessa mal-affidavit u mmarkata bhala Dok 'D' - Appendici 3. Konsegwentement, il-progett ingħata numru ta' reġistrazzjoni Progett Numru GS2009B-097. Din il-lista ufficjali tindika ċar li l-progett ta' Villa Arrigo bl-isem "*Attracting Niche Tourism to an imposing Villa in the middle of Malta*" kien gie allokat fondi li jammontaw għas-somma ta' €20,707.71 u din il-grant kienet tammonta għal rata ta' 40% tal-valur komplessiv tal-progett.

Il-progett ta' Villa Arrigo kien jikkonsisti f'numru ta' interventi, li ghal kull wahda, fl-istadju tal-applikazzjoni, l-applikant kellu jippreżenta' tliet (3) stejjem ghax-xoghlijiet, prodotti jew servizzi, u wkoll jindika liema kien il-fornitur tal-għażla tiegħu. Iz-zewg interventi rilevanti kienu jikkonsistu:

a. Xoghol ta' riabilitazzjoni u irrigazzjoni ta' kanali, "*sumps*" u gibjuni;

b. L-izvilupp ta' sistema ta' software msejjha "*interactive kitchen information system*".

Ghal kull attivita' kien hemm fornitur magħzul mill-applikant u mniżżel fl-applikazzjoni nnifisha. Fil-każ tat-tieni intervent il-fornitur kien DIX Computers ta' 132, Triq Domenico Cachia, Birkirkara filwaqt li fil-kaz

tal-ewwel attivita’ l-fornitur preferut kien il-Perit Joseph Camillieri ta’ 126, “Kefas”, Triq il-Wied Mosta, u dan kellu msemmi lill-bennej Joseph Camilleri ta’ Greenwich, Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta’ Settembru, Naxxar, NXR 05 bhala sub-appaltant.

Ix-xhud spjega li s-soċjeta’ attriċi u dik intimata daħlu fi ftehim li kien jikkonsisti fi ħlas għas-servizz ta’ applikazzjoni li jithallas bħala kumpens għax-xogħol ta’ konsulenza biex tiġi ppreparata u ppreżentata l-applikazzjoni u ħlas ta’ kontinġenza msejjaħ “*success fee*” li huwa ħlas dovut f’kaz li l-applikazzjoni tkun suċċess u l-entita` tibbenefika minn għajnuna finanzjarja jew grant. Kopja ta’ dan il-ftehim gie anness flimkien ma’ dan l-affidavit u mmarkat bhala Dok ‘E’ - Appendici 3.

Il-ftehim milħuq bejn iż-żewġ partijiet ħa l-forma ta’ ittra ta’ ingaġġjament maħruġ minn D-Consulta datata 5 ta’ Gunju 2009 li minbarra li tiddefinixxi l-ħlas fir-rigward tal-applikazzjoni tistipula wkoll li f’każ li l-applikazzjoni tal-proġett tkun suċċess, il-klijent ikun dovut ihallas lil D-Consulta hlas kontingenti fuq is-suċċess innifsu (*success fee* bl-Ingliz fejn suċċess ifisser li l-applikant jieħu fondi mill-awtorita` kompetenti għall-proġett). L-ammont stipulat bħala ħlas ta’ dan is-success fee huwa ta’ hamsa fil-mija (5%) tal-valur tal-grant mirbuħa (“*awarded*”) favur il-klijent.

In-natura tas-servizz maqbula permezz tal-ftehim datat 5 ta’ Gunju 2009 hija spjegata aħjar fid-dokument anness mal-istess ftehim intitolat “***Terms and Conditions***” li fil-paragrafu (d) tispecifika li

> "*Project Additional Services may subsequently be provided by D-Consulta if so requested by the Client. These Project Additional Services, if any, will be charged separately, from the above according to a separate agreement to be concluded between the Parties. Fees for Project Additional Services, if any, shall become payable as specified in the relevant Agreement.*"

Iż-żewġ naħat kienu ftehmu li bħala parti mill-istess applikazzjoni jitolbu fondi ghal-"*project management*" u l-istess applikazzjoni kienet tinkludi attivita` ta' "*project management*" bil-fornitur preferut indikat bħala D-Consulta Limited, hekk kif jidher mill-paġni rispettivi tal-istess applikazzjoni li huma mehmuza ma' dan l-affidavit u mmarkati bhala Dok 'F' - Appendici 3. L-istess applikazzjoni f'pagna 30 turi li kien hemm allokat is-somma ta' sebat elef Ewro (€ 7,000) (VAT eskluż) għal servizzi ta' "*project management*" versu D-Consulta Limited. (*vide* Dok 'F') L-istess applikazzjoni f'pagna 18 telenka dawn ir-responsabilitajiet tal-"*project manager*":

> *"The project manager's role would be to ensure that the project is carried out in line with the activities and interventions agreed upon, the set timeframes and deadlines and within the budget for each activity. Furthermore, the external project manager will also be responsible to monitor and report on a regular basis to the management of the company about the progress of the project at agreed intervals".*

Fil-fatt il-qbil kien li r-responsabilitajiet ghall-implimentazzjoni tal-progett tinqasam b'dan il-mod:

a. Is-soċjeta` benefiċċjarja tal-proġett, Villa Arrigo Limited, tieħu ħsieb li jsiru l-komunikazzjonijiet kollha mal-fornituri u tara li x-xogħlijiet maqbula jsiru skond il-ftehim u speċifikazzjonijiet relatati mal-attivita` relatata;

b. D-Consulta tieħu ħsieb dawk is-servizzi kollha relatati mal-process tal-implimentazzjoni tal-proġett fejn jirrigwardja l-otteniment tal-fondi relatati.

Ix-xhud irrileva li huwa ċar li kien l-obbligu tal-benefiċċjarju, li taghmel is-segwenti affarijiet:

a. Li tikkordina x-xogħol fuq il-lant;
b. Li tara li kwalunkwe xogħol isir skont il-ftehim diġa milħuq u spjegat b'mod ċar fl-istima relattiva;
c. Li tara li dan ix-xogħol isir skont il-"*project timeline*" maqbula bejn Villa Arrigo u l-fornitur;
d. Li tara li tinġabar l-fattura u li din tkun konsistenti mar-regoli tat-taxxa fuq il-valur mizjud;
e. Li tara li dawn il-fatturi jkunu konformi mal-istejjem relattivi;
f. Li toħroġ il-pagament sħiħ u mill-kont bankarju allokat għall-proġett.

Mill-banda l-ohra l-obbligu ta' D-Consulta kien li tivverifika d-dokumenti miġbura u ppreżentati lilha mill-benefiċċjarju u timla l-formola tal-"*claim*" u d-dokumenti relattivi oħra, u li tara' li żżomm kordinazzjoni u komunikazzjoni tajba u f'waqtha mal-awtorita` kompetenti. D-Consulta kellha wkoll l-obbligu li tippreżenta tali dokumenti skond mat-termini iffissati għal aderenza stretta mill-awtorita` kompetenti.

Mill-aspett pekunjarju l-ftehim tal-05/06/2009 kien jagħmel riferenza għal żewġ tipi ta' ħlas u dawn kienu:

a. Ħlas ta' "fee" ghal-preparazzjoni ghall-applikazzjoni, liema "fee" giet imhallsa minn Villa Arrigo Limited u ma tifformax parti minn din il-vertenza;

b. Ħlas ta' "*success fee*" maħduma bħala persentaġġ ta' ħamsa fil-mija (5%) li jinħadem fuq l-"*award*", li kien jammonta ghal somma ta' €20,707.71. Dan il-ħlas huwa ta' natura kontinġenti fuq is-suċċess tal-applikazzjoni u mhux tal-implimentazzjoni tal-progett.

Fil-fatt il-proġett kellu jigi implimentat fil-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2010 sal-aħħar tal-istess sena u l-beneficcjarju, sabiex jottjeni l-fondi allokati lilu, kellu jimplimenta z-zewg attivitajiet sal-aħħar ta' Settembru 2010. Kif inhi l-procedura għalhekk l-beneficcjarju kellu tliet xhur addizzjonali, sal-aħħar ta' Dicembru 2010 biex jipprezenta l-"*claim form*".

F'laqgħa li nzammet fis-sajf tal-2010 bejn il-kontendenti f'din il-vertenza, bil-għan li jinbeda l-process li jwassal għall-ewwel "*claim form*" Veronica Zammit Tabona infurmat lil D-Consulta biex għal kwalunkwe ħtieġa ta' nformazzjoni u dokumenti kellhom jitkellmu mal-accountant tal-kumpanija, Pat Gera.

F'dan il-perjodu kien evidenti li għal ragunijiet li kienu jafuhom biss is-soċjeta` intimata, ix-xogħol fir-rigward tal-"*interactive kitchen information system*" kien għadu lura immens u dan ghaliex ix-xoghol ta' zvilupp ta' din is-sistema kien waqa' lura hafna. F'dan il-kuntest Veronica Zammit Tabona inkarigat lil D-Consulta biex jitkellmu mat-TSDU biex jevitaw telf ta' fondi minħabba din l-inoltranza li fl-awditjar

tal-proġett kien jitqies nuqqas serju. Hija riedet tkun taf setgħetx telimina l-"*interactive kitchen nformation system*" mill-proġett jew tipposponi l-implimentazzjoni tagħha. Kemm-il darba dan ma kienx jifforma parti mill-ftehim li kellhom mas-soċjeta` intimata, xort'oħra D-Consulta kkuntattjat lit-TSDU u wara li ġabret l-informazzjoni meħtiega informat lil Villa Arrigo, li l-progett kollu kien jaqa' u jintilfu l-fondi kollha jekk din l-attivita` ma ssirx. Fl-istess ħin D-Consulta ssottometiet rikjesta, li ġiet milqugha mit-TSDU, għall-estensjoni ta' tlett (3) xhur fuq it-terminu oriġinarjament mogħti, u dan sabiex kienet tkun aġevolata l-implimentazzjoni ta' din l-attivita'. B'hekk Villa Arrigo Limited kellha issa sal-aħħar ta' Diċembru, 2010 sabiex dan il-parti tal-proġett jitlesta. Il-korrispondenza f'dan ir-rigward qiegħda tigi annessa flimkien ma' dan l-affidavit u mmarkata bħala Dok 'G' - Appendici 3. Is-servizzi forniti lil Villa Arrigo Limited fir-rigward ta' "*project management*" kienu jkopru perjodu ta' żmien li beda' minn Diċembru, 2010 sa Settembru, 2012, cioe` perjodu li jkopri għoxrin (20) xhar b'kollox. Dawn is-servizzi kienu jinkludu numru ta' xogħlijiet li saru f'perjodi differenti, u dan kif deskritt fit-tabulat segwenti:

**<u>Tabella – Sommarju tal-"Project Management" fuq Villa Arrigo Ltd</u>**

| ***Perijodu*** | ***Servizzi Forniti*** |
|---|---|
| Diċembru 2010 sa Marzu 2011 | Kjarifikazzjonijiet fuq il-proġett lit-TSDU |
| Lulju-Awwissu 2011 | Laqghat mal-klijent, bidliet fil-proett u sottomissjonijiet lit-TSDU |
| Settembru 2011 | Preparazzjoni u preżentazzjoni tal-ewwel *claim form* |
| Ottubru 2011 | *Filing, updatiing* tal-proġett u pubbliċita` u estensjoni tal-proġett bi tlett (3) xhur |
| Novembru 2011 | Xogħol fuq l-attivita` ta' *interactive kitchen information system* |

| | |
|---|---|
| Diċembru 2011 | Tibdil fil-*claim form* u xoħhol ior relatat |
| Mejju 2012 | **On site visit by** RLF – ditta indipendenti ta' *surveyors* imqabbda mit-TSDU |
| Lulju 2012 | Indikatur tal-proġett u kjarifikazzjonijiet mat-TSDU |
| Awissu u Settembru 2012 | *On site visit* mit-TSDU, filing, materji pendenti u preżentazzjoni tal-aħħar *claim form* u dokumenti relatati oħrajn. |

Kif muri hawn fuq, l-ammont ta' mija, seba' u ħamsin (157) siegħa fuq medda ta' għoxrin (20) xahar kien jammonta għal medja ta' seba' punt ħamsa u tmenin siegħa (7.85) fix-xahar u għalhekk huwa car li s-siegħat imqiegħdin a karigu tas-soċjeta` konvenuta huma, għajr veritjieri, raġjonevolissmi. Rapport dettaljat, hekk imsejjaħ l-"*Project Management Timesheet*", li ma huwa xejn għajr elenku sħiħ tas-siegħat kollha li l-uffiċjali u dipendenti ta' D-Consulta ħadmu fuq dan il-proġett gie anness flimkien ma' dan l-affidavit u mmarkat bħala Dok 'H' - Appendici 3. Dan ir-rapport gie redatt mis-socjeta' attrici *ai termini* tal-procedura u politika interna taghha li giet spjegata aktar il-fuq fis-sezzjoni ta' dan l-affidavit intitolat.

**<u>Rendikont tal-Hin Mahdum fuq kull Progett.</u>**

Ix-xhud iddikjara li D-Consulta altru milli wettqet l-obbligi tagħha kollha skond il-ftehim. Dan kien servizz kontinwu li kopra għoxrin (20) xhar bejn Diċembru, 2010 sa Settembru, 2012.

Ix-xhud irrileva dawn il-fatti fir-rigward ta' xogħol ta' "*project management*":

1. Dejjem kien ċar li għall-perijodu kollu tal-proġett, li jibda mill-ghada tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni fil-bidu tas-sena 2009 sal-aħħar fażi tal-implimentazzjoni tal-proġett, l-"*point of communication*" tal-proġett fir-rigward tat-TSDU, kien dejjem ix-xhud, fil-vesti tiegħu bħala CEO ta' D-Consulta;

2. D-Consulta kienu responsabbli biex jrrispondu għal mistoqsijiet mqajjma mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Proġetti fil-perjodu li huwa sussegwenti għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sal-ħruġ tar-riżultat finali tal-evalwazzjoni tal-proġetti. Dan il-perjodu beda' f'Diċembru 2009 u spiċċa f' Diċembru tas-sena 2010.

3. D-Consulta kko-ordinat l-appuntamenti għaż-żewġ "*on site visits*" li l-għan tagħhom kien li ssir verifikazzjoni fuq il-proġett u li attendew dawn il-laqgħat fuq f'Villa Arrigo fejn ġara s-segwenti:

- Huwa fil-fatt attenda u mexxa l-laqgħa li sar fil-fond ta' Villa Arrigo Limited sit tal-proġett fit-22 t'Awwissu 2012, li serviet bhala "*on site visit*" ta' verifika fuq il-"*project file*", li għal din il-laqgħa attendew Catherine Xuereb u Elena Attard f'isem it-TSDU. Dokumentazzjoni relatata ma' din l-"*on site visit*" tinsab annessa u mmarkata bħala Dok 'K' - Appendici 3;

- Huwa flimkien ma' mpjegata tiegħu kienu wkoll preżenti għal "*onsite visit*" ta' natura teknika li saret mill-kumpanija ta' surveyors, RFL, imqabbdin mit-TSDU. Għal din il-laqgħa li seħħet fit-30 ta' Mejju 2012 kien preżenti wkoll John Vella Galea f'isem Villa Arrigo Limited u Roberta Borg flimkien ma' Perit f'isem RLF. Dokumentazzjoni relatata ma din l-"*on site visit*" tinsab annessa u mmarkata bħala Dok 'K' - Appendici 3;

4. D-Consulta ħadet ħsieb il-komunikazzjoni kollha bejn il-klijent tagħha Villa Arrigo Limited u it-TSDU mill-bidu tal-proġett sat-tmiem u dan kemm permezz ta' laqgħat fl-ufficcji tat-TSDU ġewwa l-Belt Valletta kif ukoll permezz ta' komunikazzjoni telefonika u elettronika;

5. D-Consulta ppreparat numru ta' "*claim forms*" li ġew preżentati lit-TSDU;

6. D-Consulta ppreparat numru ta' "*Progress Reports*" – datati 12/09/2011, 12/12/2011, 28/03/2012 u 07/07/2012, li ġew ppreżentati lit-TSDU;

7. D-Consulta kienet dejjem tipprepara d-dokumenti meħtiega wara konsultazzjoni mat-TSDU u l-klijenti, Villa Arrigo Limited , u mbagħad tottjeni l-firem meħtieġa mingħand Veronica Zammit Tabona, li kienet il-firmatarja f'isem il-kumpanija intimata għall-fini tal-proġett.

8. Fir-rigward tal-fornitur DIX Computers, Veronica Zammit Tabona fil-fatt talbet lix-xhud biex ikellem Direttur ta' DIX Computers direttament fir-rigward ta' ħruġ ta' invoices, pagamenti u obbligi oħrajn relatati. Dan ukoll ma' kienx jifforma parti mill-ftehim imma x-xhud kien ċert li jekk ma jintervjenix kien hemm riskju serju li l-fondi kienu jintilfu u kien ghalhekk fl-aħjar interess tal-klijent li huwa ddeċieda li jmorru oltre dawk l-obbligi inerenti fil-kuntratt u jagħmlu dak ix-xogħol ta' għajnuna u emerġenza li kien meħtieġ sabiex il-progett ikun suċċess.

9. D-Consulta baqgħet responsabbli sal-aħhar u dan joħroġ mill-fatt li kienet D-Consulta li tat is-servizz ta' konsulenza tagħha lil Villa Arrigo, u kko-ordinat ma' John Vella Galea dak kollu li kellu jsir biex il-benefiċċjarju tal-fondi tosserva il-kriterju tal-pubblicita' li hija mandatorja fi proġetti bħal dawn. Din hija attivita` li ssir lejn l-aħħar tal-

implimentazzjoni tal-proġett u hija ndispensabbli biex il-benefiċċjarju jottjeni l-fondi. Korrispondenza relatata ma' dan kollu qiegħda annessa u mmarkata bħala Dok 'K' - Appendiċi 3.

10. D-Consulta baqgħet responsabbli sal-aħħar u dan joħroġ ukoll mill-fatt li kienet D-Consulta li tat is-servizz ta' konsulenza tagħha lil Villa Arrigo, u kko-ordinat mat-TSDU s-sottomissjonijiet ta' informazzjoni u data li kienet rikjesta lejn l-aħħar tal-implimentazzjoni tal-proġett, fir-rigward tal-indikaturi tal-proġett, hekk imsejha, "*output indicator*" "*result indicators*" u "*impact indicators*". Dan hu xogħol li jsir lejn l-aħħar tal-implimentazzjoni tal-proġett u huwa ndispensabbli biex il-benefiċċjarju jottjeni l-fondi.

**Ragunijiet li taw bidu ghal din l-azzjoni.**

Sussegwenti għal-forniment ta' servizzi ta' "*project management*", D-Consulta bagħtet rikjesta ta' pagament bin-numra ta' riferenza ARRIGO-001 lis-soċjeta` intimata datata 8 ta' Ottubru 2012 - għal valur ta' elf, sitta u tmenin Ewro u ħmistax il-ċenteżmu (€ 1,086.15) – somma li tammonta għall-persentaġġ miftiehem ta' ħamsa fil-mija tal-*grant* mirbuħ bit-taxxa tal-valur mizjud bir-rata ta' tmintax fil-mija (18%) miżjuda mas-somma (*vide* Dok 'I' - Appendiċi 3 ). Fl-istess ħin intbagħtet rikjesta oħra ta' pagament separatament bin-numru ta' riferenza ARRIGO-002 lis-soċjeta` intimata datata 8 ta' Ottubru 2012 għal ammont ta' erbat elef , sitt mija u wieħed u tletin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€ 4,631.50). Din ir-rikjesta qiegħda annessa u mmarkata bħala Dok 'I' - Appendici 3.

Dan il-kont huwa bbażat fuq numru ta' mija, sebgha u hamsin (157) siegħa ddedikati minn D-Consulta tul il-perjodu ta' "*project management*" li beda f'Diċembru 2010 sa' Settembru tas-sena 2012, u ċċargjata b'rata ta' ħamsa u għoxrin Ewro (€25) fis-siegħa. L-ammont ta'

siegħat huwa konformi mar-rapport "*Project Management Timesheet*" relatat ma' Villa Arrigo u dan skond l-informazzjoni u t-timesheets ċitati aktar 'il fuq immarkati bhala Dok "H" – Appendici 3.

Permezz ta' ittra datata is-16 ta' Novembru, 2012 Veronica Zammit Tabona – liema ittra tinsab annessa mal-affidavit u mmarkata bħala Dok 'J' - Appendiċi 3, miktuba f'isem il-beneficjarju lix-xhud fejn irrispinġiet iż-żewġ rikjesti għal pagament it-tnejn datati 8 ta' Settembru 2012. Ir-ragunijiet moghtija għal dawn iz-zewg rifjuti kienu is-segwenti:

a. Fir-rigward tas-"*success fee*":

a. Li l-ftehim tal-05/06/2009 "*the amount of €1,086.15 would only be payable had you been successful in obtaining a grant for the projects*"

b. Inoltre tenniet li "*due to a number of gross errors on your part, we had no choice but to take over the application and communication directly with Marcelle Fenech and Daniela Mallia at the Ministry of Tourism. You did not succeed in obtaining our grant and when matters where in your hands, we were never close to reaching a conclusion*"

c. U fl-aħħar nett li "*due to your errors, we were told that there was a decommitment of funds amounting to €5,745.90*".

b. Fir-rigward ta' "project management" ir-raġunijiet għar-rifjut kienu:

a. li "*with regard to your fee for project management amounting to €4,631.50, this is totally unjustified considering your failure to obtain the grant on our behalf*"

b. li "*many of the 157 hours you are charging for, were hours spent rectifying your own erros".*

c. u, *dulcis in fundo*, li "*your management of the project was totally unacceptable, comprising a number of confusing emails which required us to take responsibility for matters which, in fact, you should have been responsible for"*

Naturalment ix-xhud tenna li ma setghux jaqblu ma' dawn il-konklużjonijiet totalment assurdi ta' Veronica Zammit Tabona li kienu ntiżi biss sabiex issib skuża u mhux biss tibbenifika mill-*grant* li huma gabulha b'suċċess, imma, wkoll riedet tieħu x-xogħol tagħhom b'xejn billi tahrab mill-obbligi kuntrattwali tagħha. D-Consulta istitwiet il-kawża tagħha minnufiħ.

Huwa fatt mhux ikkontestat li Villa Arrigo Limited bbenefikat minn fondi li jammontaw għal tmintax-il elf, erba' mija w disa' Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€18,409.35) kif jidher ċar mill-addendum numru 1 ghal-"*grant agreement*" liema addendum datat 27 ta' Settembru 2012, huwa anness flimkien ma' dan l-affidavit u mmarkat bħala Dok 'L' - Appendiċi 3.

Huwa fondamentali li wieħed jifhem li s-servizzi ta' "*project management*" ma' għandhom x'jaqsmu xejn mal-għotja tal-grant *per se* imma kienu jikkonsistu f'servizzi biex jiffaċilitaw u jikkordinaw il-proċess intensament burokratiku biex isir dak kollu li huwa neċessarju skond il-"*grant agreement*".

Dan ifisser li jekk il-proġett jirbaħx il-*grant* jew le, il-ħlas għal *project mangement* jibqa' dejjem dovut;

Ix-xhud sostna li huwa ovvju x'kien it-ttentattiv ta' Villa Arrigo Limited meta talbet li l-"*project file*" jingħata lura lilha **meta kienu ghadhom kemm ircevew il-kontijiiet ta' D-Consulta.**

In fatti huwa ovvju jghid ix-xhud li peress li d-dokumentazzjoni kollha relattiva (*project file, grant agreement* etc) kienu kollha fil-pussess tas-soċjeta` attriċi, ma' tista' qatt treġi t-teżi li Villa Arrigo Limited xi darba ħadu "*over*" il-proġett. (*vide* l-email ta' Ms. Gera indirizzata lil Michael Debono ddatata 08/10/2012). Din l-email intbaghtet minn Patricia Gera b'sens ta' urġenza kbira, u dan għall-ebda raġuni relatata mal-ġestjoni tal-proġett għax D-Consulta kienet tat ir-risposti kollha rikjesti lit-TSDU.

Jidher ċar li dan kien attentat biex Villa Arrigo jieħdu lura l-"files" tal-progett ghal ragunijiet ulterjuri, u possibilment biex b'hekk D-Consulta ma tkunx f'pożizzjoni li tiddefendi l-operat tagħħom f'każ li Villa Arrigo Limited tiġi biex tirrifjuta li thallas l-fattura maħruġa minn D-Consulta. Barra minn hekk, kien biss permezz ta' email datata 16/10/2012, **wara li l-aħħar "claim" kienet diġa ppreżentata**, li Veronica Zammit Tabona informat lil D-Consulta li ħadu l-proġett f'idejhom u dan wara li x-xoghol kollu kien prattikament lest u kienu rċevew l-fattura in kwistjoni minngħand D-Consulta. Kopja ta' din il-korrispondenza f'dan ir-rigward qiegħda annessa flimkien mal-affidavit u mmarkata bħala Dok 'M' - Appendici 3.

**Fondi li gew Decommitted mill-Awtorita' Kompetenti**

Ix-xhud spjega li l-ittra tat-TSDU datata 27 ta' Settembru 2012 – Dok 'L' - Appendici 3 - ssemmi tlett (3) instanzi ta' "*decommitment of funds*" u dawn kienu s-segwenti:

**L-ewwel "decommitment"** elenkat jammonta ghas-somma ta' €722.88 fir-rigward tal-fattura numru 026-2011 li ġiet mahruga mill-Kuntrattur Joseph Camilleri u l-pagament minnflok sar lil Perit Joseph Camilleri.

Kemm il-darba dan ġara minħabba konfużjoni għax sija l-bennej u l-Perit għandhom l-istess isem, huma pprezentaw l-argumenti kollha possibbli lit-TSDU biex iregggħu lura d-deċiżjoni tagħħom pero' kienu nformaw lil Patricia Gera li dan l-ammont kien inkluż fil-"budget" tal-proġett imma ma kienx kopert b'fattura. Hi kienet insistiet li ma setghetx tkellem lill-kuntrattur/fornitur Joseph Camillieri biex joħroġ din il-fattura, imma riedet tkellem lill-perit minnflok ghax dak kien dovut il-flus. Huwa qatt ma qabel ma dan l-irraġunar tagħħa imma Patricia Gera baqgħet tinsisti bil-konsegwenza li dan wassal għall-"*decommitment*".

**It-tieni "*decommitment*"** li kien jammonta ghal €978 jirreferi ghal kaz tal-fattura bin-numru 1455636. It-TSDU irrifjutaw dan l-ammont a bażi li huma approvaw bidla fil-fornitur f'Jannar 2011 meta dan l-ammont kien fatturat qabel din id-data, cjoe`, fi Frar, 2010.

Issa x-xhud tenna li l-bidla fil-fornitur kienet deċiżjoni esklussiva tal-beneficcjarju (is-soċjeta` intimata) li haditha mingħajr ma nformat lil DConsulta. Fil-fatt sakemm eventwalment ġew infurmati bil-bidla kienu diġa laħqu saru diversi xogħlijiet xhur qabel u allura kien tard wisq sabiex jagħmlu l-ġustifikazzjonijiet meħtieġa mat-TSDU. Dan ġara minħabba nuqqas ta' kommunikazzjoni min-naħa ta' Villa Arrigo mal-konsulenti taghom. Kien proprju sintomatiku min-naħa tal-klijent li jaġixxu magħhom qishom ma jezistux xi kultant, jieħdu deċiżjonijiet minn rajhom, ma jikkomunkawx x'inhuma jagħmlu u l-atteġġjament tagħħom kull ma jmur beda jsir aktar arroganti fil-konfront tagħhom.

Madanakollu, huma xorta ppruvaw jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jissanaw il-pożizzjoni tas-soċjeta` intimata permezz ta' diversi interventi mat-TSDU li min-naħa tagħha tapplika r-regoli tagħhom b'severita` u strettezza u għalhekk dawn ma rnexxewx.

**It-tielet ammont li gie "*decommitted*"** kien ta' €4,045.22 u jirreferi għal każ tal-fattura bin-numru 1455642. It-TSDU rrifjutaw dan l-ammont a bażi li huma approvaw bidla fil-fornitur f'Jannar 2011 meta dan l-ammont kien fatturat qabel din id-data, cioe', f'Marzu 2010.

Ir-raġunijiet għal dan id-"*decommitment*" u l-argumenti relatati huma identiċi ghat-tielet u t-tieni "decommitment" u għalhekk ma hemmx għalfejn jiġi investit aktar ħin f'ripetizzjoni inutili.

**Konkluzjoni fuq id-Decommitments**

Huwa mportanti li jiġi rilevat li D-Consulta qatt ma kienet, u kwindi ma tistax tinżamm responsabbli għal dawn it-tlett "decommitments" u dan għar-raguni li hija ma sabitx il-ko-operazzjoni mistennija mill-klijent tagħha stess li b'mod regolari ddistanzja ruħu mill-proġett.

Ta' min jiċċara li għar-ragunijiet surriferiti, filwaqt li D-Consulta tirrespinġi kwanlunkwe responsabilita` għad-"*de-commitment of funds*" li ammontaw ghal €5,745.90, l-effett finali fuq is-socjeta' konvenuta, kien li effettivament tilfet biss l-ammont ta' 40% tal-ammont dekommess, cioe`, elfejn mitejn tmienja u disgħin Ewro u sittta u tletin ċenteżmu (€ 2,298.36). Dan l-ammont huwa sostanzjalment anqas mill-ammont dovut minn Villa Arrigo Limited lil D-Consulta.

Barra minn hekk minkejja li l-ftehim datat 05/06/2009, ċitat iktar il-fuq, jagħmilha cara li s-"*success fee*" għandha tiġi kkalkulata fuq l-ammont tal-"*award*" tal-fondi u għalhekk mhux fuq l-ammont attwalment riċevut

wara kwalunkwe "decommitment" htija unikament tas-soċjeta` konvenuta. Nonostante dan kollu D-Consulta, *ex gratia* u mingħajr l-ebda preġudizzju u b'sens ta' rieda tajba, ħadmet l-ammont dovut fir-rigward tas-"success fee" fuq l-ammont ta' fondi riċevuti, cioe', wara li ġew decommitted il-fondi, u s-soċjeta` intimata xorta ma riditx tħallas.

**Il-Kaz tal-Izball genwin**

Ix-xhud tenna li kien hemm okkorrenza f'dan il-progett fejn minħabba żball ġenwin kien hemm il-probabilita` li jintilfu xi fondi għall-klijent. Dan kien jirrigwardja l-fattura bin-numru 11149436 tal-bennej Joseph Camillieri. Dan il-fornitur kien ippreżenta fattura miktuba bl-idejn lil Villa Arrigo. Huwa avza lil Patricia Gera li din ma kinetx se tkun aċċettata mit-TSDU, imma Patricia Gera, baqgħet tinsisti li l-fornitur ma' kienx ta' skola u ma setgħax jagħmel ahjar.

Bħalma basru din il-fattura ma' ġietx aċċetta u peress li Patricia Ġera ma riditx tagħmel xogħolha bħala accountant u tgħin lil dan Joseph Camilleri joħroġ fattura, kienu kostretti jiehdu s-sitwazzjoni f'idejhom u ppreparaw il-fattura li l-fornitur kemm iffirmha biss. Pero` bi żball ġenwin sar żball fid-data taghha li t-TSDU sussegwentement qajmet dubbji dwar l-awtenticita` taghha u kien hemm riskju kbir ta' telf konsiderevoli ta' fondi għal klijent.

Minkejja li dan kollu kien jeżorbita kompletament il-ftehim ta' bejniethom, D-Consulta ħadet responsabilita` u ppreżentat ittra legali mingħand l-Avukat taghha Dott. Etienne A. Calleja datata l-20 ta' Settembru 2012, liema ittra hija annessa flimkien mal-affidavit bħala Dok 'N' - Appendiċi 3. Fil-fatt irriżulta li din l-ittra kienet **kruċjali biex dawn il-fondi ma jintilfux mill-klijent.**

**Konkluzjonijiet**

Fir-rigward tal-allegazzjonijiet ta' Villa Arrigo, ix-xhud cahad li s-servizzi ta' "*project management*" mogħtija lil Villa Arrigo kienu ta' livell inaċċettabli, li x-xogħol ma sarx skond is-sengha u l-arti jew li xi darba Villa Arrigo kienu kostretti jieħdu "*over*" il-komunikazzjoni mat-TSDU minnħabba xi nuqqasijiet minn D-Consulta. Il-fatti juru li sar mod ieħor.

a) Mill-bidu nett tal-implimentazzjoni tal-proġett, Veronica Zammit Tabona, kienet tathom struzzjonijiet biex jikkomunikaw mal-*part time accountant* taghhom, Patricia Gera, fir-rigward tal-bżonnijiet tagħhom biex ikunu jistgħu jippreparaw il-"*claim forms*". Sfortunatament ir-relazzjonijiet ma' Patricia Gera mill-ewwel bdew fuq nota ħazina, u dan minhabba l-attitudni tagħħa li ma tistax tkun deskritta mod iehor ħlief arroganti u ta' għajnuna ta' xejn. Patricia Gera, kienet il-ħin kollu tirrepeti li hija ma tifhimx f'dawn l-affarijiet, li dan kien xogħol ġdid għaliha, li hija mhix responsabbli u li dan ma kienx xogħolha. Il-mod kif kienet tikkomunika mal-istaff ta' D-Consulta ma kien xejn professjonali u dan wassal biex uħud mill-istaff kienu jinsistu miegħu, li ma jitkellmux maghha huma, imma jitkellem maghha hu  biss. Din l-attitudni kienet tiġi esebita fi gradi differenti wkoll max-xhud. Din ma kienet attitudni sana xejn u żgur li ma għenitx biex il-progress fuq dan il-progett ikun faċilitat anzi kien ta' xkiel.

b) Konsistentement ma' din l-attitudni ta' nuqqas ta' għajnuna lilhom, meta ġew għall-"*onsite visit*" mill-kumpanija ta' "*surveyors*" RLF, mqabbda mit-TSDU, biex tivverifika l-implimentazzjoni tal-proġett mill-aspett tekniku, Patricia Gera, irrifjutat li takkumpanjahom għal

din iż-żjara daqshekk importanti u meta rat hekk il-"*Personal Assistant*" ta' Veronica Zammit Tabona, kellmet lil John Vella Galea, biex jieħu ħsieb hu, meta kien ċar li Patricia Gera kienet il-persuna l-aktar edotta mill-fatti fuq il-proġett u mhux hu. Fl-esperjenza twila tax-xhud mal-klijenti, din kienet esperjenza pjuttost unika benche` xejn pjaċevoli.

c) Ix-xhud iddikjara li m'hu veru xejn dak li tghid ir-riposta ta' Villa Arrigo tal-04/04/2013 li "*l-fondi spiccaw ingabru kienu biss rizultat ta' sforzi u xoghol da parti tal-eccepjenti*". Anzi, jidher ċar li Villa Arrigo ppruvaw jiehdu f'idejhom il-"*project files*" minghajr ma jħallsu ċentezmu sija tas-servizz u lanqas tas-"success fee" u dan billi ippruvaw jipprivawhom mill-provi li jifformaw il-pern tal-vertenza.

d) It-tlett istanzi ta' "*decommitments*" huma attribwibbli fl-interezza kollu tagħħom lis-soċjeta` intimata li kienet inkompetenti fl-immaniġġjar tal-affarijiet tagħħom u kwindi huma għal kollox responsabilita' tagħħom, u D-Consulta, għamlet dak kollu li setgħet biex iġġib argumenti ħalli tipprova mill-mitluf ġġib li setgħet lill-klijent. Dawn l-istanzi ma kienux jirrigwardjaw żbalji li saru fil-process ta' *claims* imma kienu jirrigwardaw bidliet li fuqhom D-Consulta ma ġietx infurmata.

e) Il-prova ċara li x-xogħol li sar minn D-Consulta kien skond is-sengħa u l-arti hija li l-beneficcjarju rcieva kwazi disghin fil-mija (90%) tal-fondi kollha allokati u dan fil-kuntest tal-fatt magħruf li persentagg li jvarja minn 20% sa 25% tal-fondi allokati fuq fondi simili normalment jintilfu.

Fir-rigward tas-sigħat iċċarġjati lil Villa Arrigo Limited, D-Consulta tixtieq tikkjarifika li

a. l-ammont ta' 157 siegħa bħala xoghol fuq medda ta' 20 xahar, jwassal għal medja ta' 7.85 siegħa fix-xahar, li huwa ammont raġjonevoli;

b. Li x-xogħol ikopri l-attivitajiet kollha li proġett bħal dan jirrikjedi;

c. Li d-dokumentazzjoni tal-proġett dejjem ġiet ippreparata u ppreżentata minn D-Consulta lit-TSDU u dawn ix-xogħlijiet huma rilfessi fis-sigħat iċċarġjati;

d. Li dawn is-sigħat kienu wkoll ikopru laqghat li saru mal-klijent f'xhur differenti bħalma huma Awissu 2011, Ottubru 2011, Dicembru 2011 u Settembru 2012;

e. Li assolutament mhux minnu l-allegazzjoni tas-soċjeta` intimata li ħafna minn dawn is-sigħat kienu biex jiġu rranġati żbalji u dan għax il-"*policy*" ta' D-Consulta hija li "*rework hours*" qatt ma jiġu ċċarġjati lill-klijent u hekk sar f'dan il-każ;

**Il-Hlas tas-"Success Fee" lil D-Consulta**

Ix-xhud spjega li l-ftehim tal-05/06/2009 jagħmilha ċara li s-"*success fee*" huwa ħlas kontinġenti fuq is-suċċess tal-applikazzjoni u mhux tal-implimentazzjoni tal-proġett. Dan il-ftehim jagħmilha ċara li l-persentagg ta' ħamsa fil-mija (5%) jinħadem fuq l-"*award*", ċioe`, l-ammont allokat għal proġett mill-awtorita` kompetenti li kif jidher mil-lista uffiċjali tal-benefiċċjarji diġa msemmija aktar il-fuq u annessa bħala Dok 'D' kien jammonta għas-somma ta' għoxrin elf seba' mija u seba' Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€ 20,707.71). Għalhekk ix-xhud qieghed isostni li l-

ammont dovut kellu jkun ta' elf u ħamsa u tletin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmi (€1,035.38) eskluż il-VAT bir-rata ta' tmintax fil-mija (18%), li jammonta ghal elf mitejn u wieħed u għoxrin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€1,221.75) u mhux elf sitta w tmenin Ewro u ħmistax il-ċenteżmu (€1,086.15). Il-fatt li anke fl-assenza ta' talba f'dan ir-rigward li D-Consulta qabbdet u mingħajr preġudizzju għamlet "waiver" tal-kummissjoni/success fee tagħha fuq l-ammont mhux imħallas lill-beneficcjarju, juri li D-Consulta kienet qed taġixxi b'mod mill-aktar raġjonevoli mal-klijenti tagħha.

Id-dokument li jelenka t-termini u kundizzjonijiet tal-ftehim jagħmilha ċara li *"these Terms and Conditions shall regulate the Project referred to in the Letter of Engagement. Parties are not entering into any contractual relationship other than for the provision of the services for the Project by D-Consulta to the client for the agreed fees". (Vide Dok A).* Dan il-paragrafu juri car u tond li l-ebda kontenzjoni rigward nuqqasijiet, veri jew allegati, fir-rigward ta' "project management" ma jistghu bl-ebda mod jinfluwixxu l-"*liability*" fir-rigward tas-"success fee".

Ma jeżisti l-ebda dubju li l-kumpanija ottjeniet fondi li ammontaw għal aktar minn tmintax il-elf Euro u dan bis-sahha tas-servizzi ta' preparazzjoni u sottomissjoni ta' applikazzjoni li saret fit-30 ta' Novembru 2009, liema applikazzjoni ġiet ippreparata, sottomessa u mantenuta minn D-Consulta. Villa Arrigo Limited fil-fatt kienet ħallset l-"*fee*" tal-applikazzjoni lil D-Consulta u dan juri li kwalunkwe fondi ottenuti permezz ta' tali applikazzjoni jagħtu lok għall-applikar tas-"success fee".

In konkluzjoni finali, ix-xhud tenna li D-Consulta qed tirrispingi dawn l-argumenti mressqa minn Villa Arrigo Limited, bħala nfondati fil-fatt u għalhekk it-talbiet kollha tagħħa kontenuti fir-rikors ġuramentat li tat lok għal din il-kawża għandhom jiġu milqugha u l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta` intimata għandhom jiġu miċħuda fl-interezza kollha tagħħom.

**Catherine Rolè** xehdet fl-4 ta' Dicembru, 2013 in rappresentanza tal-Ministeru tat-Turizmu fis-sezzjoni tal-EU Funds. Spjegat illi hija tahdem fil-unit fejn hemm progetti mis-settur privat li japplikaw maghhom bhala skema u jekk jigi approvat il-progett dawn jiehdu persentagg minnu lura. Mistoqsija kif jahdem il-process wiegbet li bazikament l-ewwel japplikaw maghhom bhala skema u jigi evalwat il-progett u la darba jigi approvat il-progett, dan jibda jigi implimentat. Mistoqsi tghid xi tfisser "*jibda jigi implimentat*" wiegbet li l-beneficjarju jkun ser jixtri ABC jaghmilhom u naturalment jrid jobdi r-regoli. La darba jaghtuhom l-ircevuti, huma jiccekkjawhom. Hija ghazla tal-beneficjarji li jaghzlu jekk l-ircevuti jinghatawx waqt li jkun ghaddej il-progett jew inkella f'daqqa meta jkun lest il-progett. Il-klijent jinfurmahom naturalment minn qabel meta jkun ser jibghat l-ircevuti, per ezempju jekk jghid li ser idahhal dawn it-tlett ircevuti f'Gunju, naturalment huma jkunu jridu jigu avzati meta dan ikun ser jibda jhalli l-ircevuti.

Ix-xhud spjegat illi f'dan il-kaz il-beneficarju kien Villa Arrigo Limited. Dan kien jikkoncerna rijabilitazzjoni ta' kanali tal-ilma u reservoir kif ukoll *replacement* ta' *kitchen system*. Dan il-progett dan ghadda minn process ta' evalazzjoni u wara li gie approvat iffirmaw il-*grant agreement* tat-23 ta' Dicembru 2010. Ix-xoghol beda u sussgwentament fil-5 ta' Settembru 2012 huma l-ircevuti f'daqqa u thallsu kollha. Ghalhekk in

konnessjoni ma' dan il-*grant* lil Villa Arrigo Limited, illum il-gurnata din ma ghandha tiehu xejn. D-Consulta Limited kienet imnizzla bhala *project management* ta' dan il-progett. Ix-xhud spjegat li *project management fees* ma kienetx taqa' taht l-iskema ta' hlas tal-funds tal-Europa. Una volta li gew sottomessi l-ircevuti hija tahseb li l-progett kien sar u gie finalizzat. Hija giet murija dokument li jinsab esebit fl-atti a fol 76, fol 30 tad-dokument A. Spjegat li effettivament il-grant li giet mehuda mill-Ewropa kienet tikkoncerna l-ammont ta' €18,409 li kien 40% mill-ahhar budget approvat. Ix-xhud kellha approvat biss item 2 u item 3 tad-dokument li jinsab inserit fl-atti a fol 76, u cioe' *rehabilitation of errogation of canals and reservoirs u activity one interactive kitchen information system*. Mistoqsi jekk ir-*restoration of portico* kienx involut f'dan il-grant, wiegbet li ma kienx, u dan tnehha waqt l-evalwazzjonijiet. Hija ddikjarat li dan kien l-original budget, li qieghed esebit fl-atti a fol 76.

Ix-xhud ikkonfermat li effettivament hemm miktub *project management* fl-ammont ta' €8,250 inkluz il-VAT, pero' qalet li huma kienu baghtu ittra lill-beneficjarju datata 6 ta' Mejju 2010, u kienu nehhew il-*project management* ghax wahda mir-regoli kienet li kellha tissottometti tliet kwotazzjonijiet minn tliet suppliers differenti li ma saritx, u ghalhekk in vista ta' dan in-nuqqas il-*project management* ma giex accettat. Hija esebiet kopja ta' din l-ittra li l-Qorti mmarkat bhala dokument Z. Mistoqsi jekk ghandhiex l-ittra jew korrispondenza dwar it-talba li saret rigward *restoration of portico,* fejn intalbet is-somma ta' €98,185.93, wiegbet li effettivament l-evaluation board kien baghat ittra lis-socjeta' D-Consulta Limited. Din l-ittra hija datata 6 ta' Mejju 2010 u esebiet kopja taghha li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument Z1.

**Daniela Mallia** xehdet fl-4 ta' Dicembru 2013 fejn iddikjarat li hija tokkupa l-kariga ta' *project dealer* tal-iskema cioe' tal-EU Funds mal-Ministeru tat-Turizmu. Xogholha ghalhekk huwa li timmenigja l-fond li huwa allokat lilhom mill-Ewropa ghal din l-iskema u timmoniterja l-progetti ndividwali. Hija naturalment immoniterjat dan il-progett ta' Villa Arrigo kif taghmel fil-progetti ohrajn. Hija spjegat li l-progett isir billi l-beneficarju jaghmel applikazzjoni maghhom, dan jittella' quddiem il-bord u una volta jigi approvat, isiru l-hlasijiet skont ir-ricevuti li jaghtuhom. Ix-xoghol tax-xhud hu *that she oversees the whole project*. Hija stqarret li ghal kull attivita' li tigi mitluba jkun hemm tlett kwotazzjonijiet u dawn l-*applications* ikunu approvati mal-applikazzjoni u meta jsiru l-pagamenti wara li jsir ix-xoghol huma li jaghmlu huwa li jivverifikaw l-*invoice* mal-*quotation* u ghalhekk jkunu certi li dawn ikunu l-istess.

Ix-xhud iddikjarat li fit-talba originali ghal *project budget* kien hemm talba ghal hlas ta' *restoration of portico*. Dan b'referenza ghall-budget originali li gie sottomess mis-socjeta' Villa Arrigo Limited u qalet ukoll li kien hemm talba ghal *project management*. Hija qalet li dawn iz-zewg talbiet ma gewx approvati. Fir-rigward tal-project management ir-raguni ghaliex ma gietx approvata kienet ghax ma kellhomx tliet kwotazzjonijiet minghand tliet suppliers differenti. Waqt li l-kwistjoni tar-*restoration of portico*, id-dokumenti sottomessi ma kinux *quotations* izda kienu stimi u ghalhekk ma setghux jigu approvati. Mistoqsija ma' min kienet tikkomunika wiegbet li effettivament kienet tikkommunika mas-sur Debono li huwa rapprezentant tas-socjeta' D-Consulta Limited. Mistoqsija min effettivament naqas li jissottometti d-dokumentazzjoni tajba qalet li effettivament din hija responsabilta ta' min mela l-applikazzjoni relattiva u qalet li f'dan il-kaz kien D-Consulta Limited. L-applikazzjoni giet sottomessa mis-socjeta' rikorrenti pero' taf li D-

Consulta Limited kienet qed tagixxi ghan-nom ta' Villa Arrigo Limited li kien il-beneficjarju ta' dan il-grant.

**Veronica Zammit Tabona** xehdet fit-12 ta' Marzu, 2014 fejn iddikjarat illi hija tokkupa l-kariga ta' Managing Director tas-socjeta' intimata u ilha tokkupa din l-kariga ghal zmien twil, xi hamsa u ghoxrin sena. Hija ddikjarat ukoll li s-socjeta' intimata qatt ma kienetipprezentat applikazzjoni ghal xi fondi simili bhal dawn minghand il-Komunita' Ewropea. Ix-xhud spjegat li f'din l-applikazzjoni huma kienu talbu li jkollhom fondi mill-Komunita Ewropea sabiex jirrestawraw il-Portico, ikollhom sistema kompjuterizzata tal-kcina u peress li l-villa hija antika u kellha r-rizervi u l-kanali talbu sabiex ikun hemm *water collection* ahjar. Hija tiftakar li zmien ilu kienu rcevew email li giet mibghuta b'mod generali lil diversi nies minghand is-socjeta' rikorrenti fejn gew infurmati li kien hemm xi fondi disposti fejn huma setghu jaghmlu *tapping* ghaliha u naturalment hija wiegbet din l-email fejn uriet interess.

Sussegwentament hija filfatt kienet iltaqghat ma' Michael Debono ghas-socjeta' rikorrenti fejn tkellmet mieghu u staqsietu jekk kienx hemm possibilita' li jaghmlu *tapping* proprju ghal dawn it-tliet progetti li semmiet u cioe' r-restawr tal-Portico, is-sistema kompjuterizzata fil-kcina u s-sistema biex ikun hemm *water collection*. Filfatt huwa ha l-inkarigu biex jibda dan il-process. Ix-xhud esebiet kopja tal-email li ghamlet referenza ghaliha fil-bidu tax-xhieda taghha datata 5 ta' Gunju 2008 liema dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument VZT. Hija ghaddiet kopja tal-istess lill-kontroparti. In segwitu' ta' din l-email filfatt kienu zammew laqgha. Mistoqsija tghid meta effettivament kienet inzammet din il-laqgha wiegbet li ma tiftakarx pero' taf li kien ftit zmien

wara. Mistoqsija tghid jekk sussegwentament ghamlitx xi ftehim partikolari mas-socjeta' rikorrenti wiegbet li iva. Filfatt esebiet ukoll kopja ta' *letter of engagement* li l-Qorti mmarkat bhala Dokument VZT1.

Ix-xhud spjegat li s-socjeta' rikorrenti kienet ser tkun inkarigata bhala l-konsulent taghhom u kellha tapplika ghal fondi skont din il-*letter of engagement*. Mistoqsija jekk effettivament saritx applikazzjoni wiegbet li filfatt kien hemm tliet applikazzjonijiet, wahda ghal kull progett. Hija ma tafx jekk effettivament sarux f'applikazzjoni wahda, pero' taf li saret fil-konfront tat-tliet progetti. Hija giet murija dokument li hu esebit f'dawn l-atti u mmarkat bhala Dokument A u kkonfermat li din hija l-applikazzjoni li saret ghan-nom taghhom. Hija spjegat li f'din l-applikazzjoni hemm il-firma taghha a fol 34, a fol 36 u a fol 38. Ix-xhud spjegat li din hija kopja u l-originali mhux f'idejha. Ix-xhud qalet li hemm il-firma taghha wkoll minn pagna 40 sa pagna 44 fl-istess Dokument A. Mistoqsija jekk hija qratx din l-applikazzjoni wiegbet li kienet qratha flimkien ma' Michael Debono.

Mistoqsija mill-Qorti jekk huma hadux il-fondi tal-Unjoni Ewropea bil-mod kif giet mimlija din l-applikazzjoni wiegbet li le ghax l-applikazzjoni in kwistjoni kienet giet *devalidated* ghax ma kinitx mimlija kif suppost. Mistoqsi ghaliex qed tghid hekk, wiegbet li effettivament skont din l-applikazzjoni kien hemm parti taghha li kienet skont l-estimates u spjegat li fl-applikazzjoni ma hemmx stimi.

Ix-xhud giet murija l-affidavit li rrilaxxa Michael Debono li jinsab inserit fl-atti a fol 13 et seq tal-process b'mod partikolari a fol 4 tal-affidavit tieghu ntestat 'involviment ta' D-Consulta'. Mistoqsi jekk taqbilx li dawn kienu responsabbilitajiet tas-socjeta' attrici wiegbet li dwar l-ewwel

responsabbilita' indikata minnu, hija taqbel u dan fil-vesti tieghu ta' konsulent kellu jkun hu li jirrispondi. Ix-xhud sostniet li l-applikazzjoni li pprezentat is-socjeta' rikorrenti ma gietx accettata *in toto* izda gew accettati partijiet minnha biss.

Ix-xhud giet murija dokument esebit fl-atti a fol 53 u 54 immarkat bhala Dokument C li hija ittra datata 3 ta' Dicembru, 2010 mibghuta minn TSDU lill-beneficjarju u dwar dan qalet li effettivament il-valur totali tal-applikazzjoni hemm indikata huwa ta' €51,769 u b'hekk huma jfissru li effettivament hija kienet ser tircievi s-somma ta' €20,707.71 pero' in realta' huma ma rcevew lanqas din is-somma kollha, ircevew somma inqas fl-ammont ta' circa €18,000 ghax kien hemm xi oggetti ohrajn li sussegwentament gew ukoll *de-committed*. Ghalhekk fissret li kien gie accettat parti mill-progett. Hija spjegat li dan l-ammont gie moghti lilha in konnessjoni mal-*water collection* u mas-sistema kompjuterizzata tal-kcina. Hija qalet dan ghax taf li €98,000 tal-Portico kienu gew *de-committed* u allura *by elimination* jifdal l-ohrajn.

Hija kkonfermat li l-applikazzjoni kienet giet ipprezentata fis-27 ta' Novembru 2009. Mistoqsi jekk ircevietx xi dokumentazzjoni bejn Novembru 2009 u Dicembru 2010 wiegbet li riedet tivverifika jekk kinitx irceviet xi korrispondenza. Ix-xhud iddikjarat li se taghmel il-verifiki taghha sabiex tara jekk effettivament ghandhiex xi dokumentazzjoni li tindika li l-Portico kienet giet *de-committed*. Saritilha referenza ghal dokument immarkat bhala Dokument F a fol 75 tal-process propju ghal artikolu 5 intitolat Project Management. Mistoqsi jekk kellhiex xi project manager, wiegbet li hi ma kellha l-ebda project manager. Gie allegat li effettivament is-socjeta' rikorrenti kienet il-*project manager* taghha u hija

wiegbet li mhuwiex minnu. Hija stqarret li l-affarijiet li hemm imnizzla fuq id-Dokument H hija ghadha ma rathomx.

Ix-xhud iddikjarat li hija qatt ma rceviet jew iffirmat xi *time sheet*. Hija ma tistax tikkonferma jekk is-socjeta' rikorrenti ghamlitx ix-xoghol indikat f'dan id-dokument a fol 86 ghax hija ma ffirmat l-ebda karta ghal dan il-ghan. Mistoqsija min hija Roberta Borg wiegbet li ma tafx. Saritilha referenza ghall-email esebita fl-atti a fol 102, b'mod partikolari jekk il-vizta ndikata li kellha ssir fit-30 ta' Mejju kienetx saret, wiegbet li ma tistax tghid ghax hija dakinhar kienet infurmathom li kienet ser tkun imsiefra. Mistoqsija minn hija Pat Gera wiegbet li din hija l-financial controller taghha. Hija promettiet li fis-seduta li jmiss iggib id-dokumentazzjoni li tindika meta hija rceviet il-flejjes.

**Veronica Zammit Tabona** kompliet tixhed fil-21 ta' Mejju 2014 fejn esebiet kopja mahruga mit-tezor liema dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument T u spjegat li din hija l-prova dwar il-hlas. Hija kkonfermat li fil-5 ta' Novembru 2012 Villa Arrigo Limited irceviet is-somma ta' €18,409.35. Mistoqsija jekk fil-kuntratt li ffirmat mas-socjeta' rikorrenti kienx hemm dwar xi kwantu partikulari wiegbet li le. Meta hija kienet spjegajt li l-applikazzjoni in kwistjoni kienet giet de-validated fix-xhieda taghha precedenti, hija riedet tfisser li l-applikazzjoni in kwistjoni kienet giet *de-committed* fis-sens li certi estimi li huma ghamlu ma' din l-applikazzjoni ma gewx approvati. Hija esebiet dokument li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument DC li huwa *de-committment of funds* fejn hemm indikat dawk l-estimi li effettivament ma kienux gew approvati. Hija spjegat li l-oggetti msemmija f'dan id-dokument DC gew *de-committed* mill-*institute*. Meta hija rceviet dan l-addendum *to the grant*

*agreement* immarkat bhala Dokument DC hija fehmet li l-flejjes li hemm indikati bhala bullet 1, 2 u 3 ma kinitx ser tircevihom, minkejja li kienet applikat ghalihom. Ix-xhud esebiet bhala dokument DC1, dokument iffirmat minnha li jindika li hija accettat dan l-addendum, meta dan gie mibghut lilha. Hija fil-fatt rat li f'dan id-dokument il-Ministeru tat-Turizmu baghatilha r-ragunijiet tieghu u hija accettathom. Mistoqsija mill-Qorti jekk hija urietx dan id-dokument lis-socjeta' attrici, wiegbet li effettivament is-socjeta' rikorrenti rceviet kopja tieghu. Hija rat id-dokument esebit f'dawn l-atti u mmarkat bhala Dokument A u qalet li din hija kopja tal-*Application Form Grant Scheme for Sustainable Tourism Project by Enterprises* u filfatt ikkonfermat li fil-parti ahharija taghha a fol 200, hija ffirmata minnha u datata 27 ta' Novembru 2009. Ix-xhud tahseb li effettivament l-attur ircieva kopja ta' dan id-dokument DC ghax peress li huwa mal-Ministeru, huwa miktub bhala konsulent taghhom.

Mistoqsija meta effettivament itterminaw is-servizz tal-ingagg tas-socjeta' rikorrenti wiegbet li huma kienu nfurmawh permezz ta' email fis-16 ta' Ottubru 2012. Hija spjegat li meta effettivament itterminaw l-ingagg tieghu, ix-xoghol ma kienx qieghed isir u fil-fatt spiccaw marru ghand il-Malta Tourism Authority u kellhom jergghu jikkostitwixxu il-fajl mill-gdid. Hija esebiet kopja ta' din l-email relattiva li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument DC2. Mistoqsija jekk huma fil-fatt ghamlux xi xoghol in konnessjoni ma' din l-applikazzjoni wara li kienu rcevew id-Dokument DC esebit fl-atti, wiegbet li ma tiftakarx u qed tghid dan bil-gurament, pero' ma tahsibx li sar. Effettivament skont ir-regolamenti tal-Unjoni Europea huma bhala applikanti kellu jkollhom kopja ta' dan il-fajl relattiv fejn talbu s-sussidju, pero' sallum il-gurnata hija ghad ma ghandhiex il-kopja originali u kien ghalhekk li kellha bzonn

tirrikostitwixxi l-fajl, ghaliex is-socjeta' rikorrenti ma tathiex kopja tad-dokumentazzjoni li ghandhom. Dan il-fajl ghandu d-dokumentazzjoni li hafna minnha tinsab inserita fl-atti. Hija ddikjarat li hija lesta li ggib il-kopja tal-fajl li ghandha hija jekk ikun hemm il-bzonn.

Mistoqsija jekk sarx *project managment,* hija spjegat li qabel ma tghid jekk sarx jew le, hija tixtieq li tigi definita xi trid tfisser bil-kelma *project management.* Hija giet mistoqsija jekk effettivament qattx tat xi ingagg verbali ta' *project management* lis-socjeta' attrici, apparti dak miktub ta' konsulenza, kif jirrizulta mill-applikazzjoni esebita fl-atti. Hija regghat ikkonfermat li hija ma tat l-ebda ingagg ta' *project manager* lis-socjeta' rikorrenti u li kieku kienet ser taghmel dan, kienet taghmilha bil-miktub. L-uniku ingagg li hija tat lis-socjeta' rikorrenti huwa dak rizultanti mill-applikazzjoni. Hija spjegat li hija tokkupa l-kariga ta' *managing director* mas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk kienet tiehu hsieb il-haddiema fuq il-post tax-xoghol, fis-sens ta' nies labourers. Fis-sens ta' dokumentazzjoni li kellha tigi esebita fil-varji dipartimenti hija spjegat li dik harget mill-attur stess u kienet parti mill-konsulenza li huma talbuh. Hija kkonfermat ghalhekk li *liason* li sar mal-Ministeri u mid-dipartimenti koncernati, saru mill-konsulent taghhom, li kienu s-socjeta' attrici. L-engagement taghha mas-socjeta' rikorrenti kienet tali li huwa jimla l-applikazzjoni relattiva ghal dawn il-fondi u b'dan fissret li kellu jaghmel dak kollu li huwa necessarju ghall-mili ta' din l-applikazzjoni. Wara li giet mimlija din l-applikazzjoni, taf li s-socjeta' rikorrenti ghamlet xi xoghol iehor ancillari ma' din l-applikazzjoni. Hija taf pero' li fil-parti ahharija ta' din il-kwistjoni kollha, is-socjeta' rikorrenti ma aderixxietx ruhha ma' dak li giet mitluba. Qalet li tkun f'pozizzjoni li tipprepara x-xoghol li ghamlu huma wara li l-attur waqaf milli jkompli jaghti s-servizz tieghu.

**Veronica Zammit Tabona regghet** xehdet fit-8 ta' Ottubru 2014 fejn esebiet dokument li gie mmarkat bhala Dokument SP. Qalet illi dan huwa *proof of payment* li hija rceviet mit-Tezor. Hija esebiet *de-commitment* li hija rceviet minn European Regional Development Fund datat 6 ta' Mejju 2010. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument SP1. Hija spjegat li kienet hi li ghamlet dan ix-xoghol u effettivament thallset ukoll mis-socjeta' Villa Arrigo Limited. Bil-kelma *project management* hija tfisser li qed issegwi li x-xoghlijiet jkunu jsiru. Fil-kaz odjern, wara li saret l-applikazzjoni in kwistjoni tghid illi d-*day to day running* wara l-haddiema u biex jara li x-xoghol effettivament jigi ezegwit kien sar minnha. Hija kkonfermat illi komunikazzjoni diretta bejnha u l-Ministeru kien hemm u promettiet li tesebixxi kopja ta' dawn l-emails li effettivament ukoll uhud minnhom gew ikkuppjati lill-istess socjeta' attrici. Hija sostniet illi l-*claims* ghall-*commitment* ghal dan il-fond m'ghamlithomx hi, izda ghamlithom is-socjeta' attrici.

**Veronica Zammit Tabona** kompliet tixhed fl-14 ta' Ottubru 2014 fejn ghamlet referenza ghall-fatt li huma hadu *over* dan il-progett kif jidher mill-email mibghuta minnha, lil Michael Debono datata 16 ta' Ottubru 2012 li tinsab inserita fl-atti a fol 126. Apparti dan id-dokument hija m'ghandha l-ebda dokument iehor li jindika x-xoghol li ghamlet hi. Hija esebiet dokument iehor li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z li hija email mibghuta lilha minn Daniela Mallia li tahdem mal-Malta Tourism Culture Environment, fl-1 ta' Ottubru 2012. Effettivament din l-ittra giet mibghuta lil Michael Debono u kkuppjata lix-xhud. Ix-xhud spjegat illi d-decomittment harget fis-27 ta' Settembru 2012, il-pagament ircevietu fit-2 ta' Novembru 2012 u l-email ircevietha l-1 ta' Ottubru 2012.

**Veronica Zammit Tabona** xehdet in kontro-ezami nhar l-1 ta' Gunju, 2016 fejn ikkonfermat li huwa minnu illi s-socjeta' intimata kellha biss ftehim wiehed bil-miktub mas-socjeta' attrici, u cioe' dak ezebit fl-atti. Qalet li ma kienx hemm ftehim iehor. Mistoqsija jekk ix-xoghol li ma harigx mill-kuntratt bil-miktub sarx mill-impjegati taghha, wiegbet li ma tafx. Hija ziedet li ma tafx ghal-liema xoghol qed jirreferi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici. Mistoqsija jekk ratx it-*timesheets* ezebiti fl-atti, qalet li ma rathomx.

**Patricia Gera** xehdet bl-Ingliz fl-14 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjarat li hija l-financial controller ta' Villa Arrigo Limited u hija *professional chartered accountant*. Hija spjegat li Veronica Zammit Tabona kienet talbitha xi dokumentazzjoni finanzjarja tas-sena 2010 ghal fondi li hemm il-kwistjoni dwarhom.

Mistoqsija jekk tafx xi haga fuq is-site visit li kellha taghmel f'Mejju tas-sena 2012 wiegbet li hija ma tiftakarhiex din is-*site visit*. Hija taf li f'Novembru tas-sena 2012 kienu rcevew pagament mit-tezor fl-ammont ta' tmintax-il elf u hames mitt ewro (€18,500). Ix-xhud giet murija dokument li jinsab ezebit fl-atti a fol 216 u kkonfermat li dan huwa l-pagament li s-socjeta' Villa Arrigo rceviet. Hija giet murija wkoll l-addendum tal-*grant agreement* datat 27 ta' Settembru 2012 li huwa mmarkat bhala Document DC li jinsab esebit a fol 217. Mistoqsija jekk tafx xi haga fuq dan l-addendum wiegbet li taf, illi gew imnaqqsa certu ammont ta' fondi.

Mistoqsija jekk hija ghamlitx xi xoghol wara s-27 ta' Settembru 2012 wara li kienet intbaghtet email minn Daniela Mallia lil Veronica Zammit Tabona fl-1 ta' Ottubru, 2012, x-xhud wiegbet illi wara dan hija kienet

giet mitluba biex tipprovdi xi *project indicators*. Hija sostniet illi dan m'ghandu x'jaqsam xejn ma' *financial controlling* u ghalhekk kienet Veronica Zammit Tabona stess li hadet hsieb taghmel dan. Ix-xhud taf li kien hemm mistoqsijiet fuq *project indicator* li ma kienux gew sottomessi b'mod korrett u li huma kellhom jikkoregu. Taf ukoll li gew mitluba xi haga dwar xi *trade licence* gdida li kellha tigi sottomessa. Dawn kienu gew mitluba minn Marcelle Fenech mill-Ministeru tat-Turizmu. Ix-xhud ezebiet kopja ta' din il-korrespondenza li l-Qorti mmarkat bhala Dokument PG.

Ix-xhud taf li kien hemm dokument iehor li kellu x'jaqsam ma' project indicators li kellu jerga' jigi sottomess. Hija ma kinitx qed tifhem it-teknikalita' tal-informazzjoni mitluba u filfatt Marcelle Fenech ghenitha u urietha kif kellha tbiddel id-dokument. Dan kien kollu formalita' li kellha ssir b'mod tajjeb sabiex il-claim tigi finalizzata u jkunu jistghu jircievu l-flus. Sostniet li dan kollu ghamlitu bl-ghajnuna ta' Fenech.

Sahqet li ma kinitx responsabilita' taghha li tipprovdi l-informazzjoni t-tajba f'dawn ic-cirkostanzi partikolari. Hija spjegat li wiehed mid-dokumenti li kien importanti li jigi sottomess ghal EU grant kienet *invoice* minn Joseph Camilleri li huwa bennej. Dan il-bennej huwa ragel semplici li huwa prattikament illiterat. Gew mitlubin jissottomettu dokument ittajpjat minghandu. Ghalhekk Michael Debono ha hsieb li jaghmel dan id-dokument ghal Joseph Camilleri. Pero' meta' Michael Debono ghamel din l-invoice huwa nizzel data hazina. Inoltre kien hemm ukoll l-kwistjoni dwar jekk Camilleri kienx VAT exempt jew le. Dan id-dokument sar apposta biex jigi sottomess l-EU. Ix-xhud spjegat li hija ma uzatx dan id-dokument fl-accounts. Fl-accounts li ghamlet hi uzat

ricevuta li kien hareg Joseph Camilleri nnifsu. Filfatt Joseph Camilleri kien mar bl-ircevuta semplici tieghu, ha il-VAT receipt book mieghu u hi kitbet l-ircevuta fil-VAT book. Hija qalet li dokument PG1 huwa d-dokument li nhareg direttament minn Joseph Camilleri filwaqt li dokument PG2 huwa d-dokument li nhareg minn Michael Debono sabiex jissostanza dokument PG1.

**Patricia Gera** xehdet in kontro esami fit-18 ta' Frar, 2015 fejn giet mistoqsija mill-avukat tas-socjeta' rikorrenti biex tispjega x'inhuma dawn il-*project indicators* li kienet semmiet fix-xhieda taghha fl-14 ta' Ottubru 2014. Din wiegbet li mhix f'pozizzjoni li taghmel hekk. Filfatt Marcelle Fenech kienet qaltilha biex tikkalkula X bhala persentagg ta' Y u dak huwa ezattament li ghamlet. Pero' hija baqghet ma fehmitx x'kienu dawn il-*project indicators*. Din kienet qalet lix-xhud li dawn il-*project indicators* provduti minn Michael Debono m'humiex korretti. Ix-xhud stqarret illi pero' hi ma kinitx staqsiet lil Marseanne Fenech x'kien hemm hazin. Hija ma tiftakarx minn liema *company document* kienet gabet l-informazzjoni. Ix-xhud iddikjarat illi hija mxiet fuq l-istruzzjonijiet ta' Marcelle Fenech. Hija kienet taf x'kienet qed taghmel dak iz-zmien ghax kienet qed timxi fuq l-istruzzjonijiet moghtija.

Ix-xhud rat il-korrispondenza li hemm ezebita f'dawn l-atti u kkonfermat li l-ezercizzju li ghamlet kien li taghmel *ratio* tal-vizitaturi barranin fl-istagun tas-sajf mal-*off peak season* u dan jinvolvi illi jinghaddu n-numru ta' *functions* u jigi kkalkulat il-persentagg imsemmi. Hija stqarret illi ma tistax tiftakar id-dettall tal-persentagg li kkalkulat ghax ma kinitx importanti hafna ghaliha. Ix-xhud qalet li ma tafx x'inhu *output indicator*.

**John Vella Galea** prodott mis-socjeta' intimata xehed fil-15 ta' April 2015 fil-kariga tieghu ta' *personal assistant* ta' Mrs Zammit Tabona ghan-nom ta' Villa Arrigo Limited. Qal li ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena. Mistoqsi jekk hu kellux xi rwol fil-progett u cioe' tal-fondi li kienu gejjin mill-Komunita' Ewropea rigwardanti xi xoghol li kellu jsir fil-Villa Arrigo qal li hu ma kellu l-ebda rwol. Jiftakar li fit-30 ta' Mejju 2012 kien gie nfurmat minn Mrs. Zammit Tabona illi kienu gejjin xi nies biex jaraw il-Villa, cioe' kien inghata direzzjoni sabiex idawwarhom fejn kellhom jaraw, u li kellu jattiralhom l-attenzjoni ghall-*water irrigation* antika kif ukoll ghal *reservoir*. Dawn xtaqu wkoll jaraw xi *monitors* tal-*computers*. Ix-xhud stqarr illi effettivament dawn in-nies gew, dawwarhom dawra mal-gnien minn fejn jidhlu w minn fejn johorgu u tenna illi l-inkarigu tieghu waqaf hemm. Ma regghux gew jew ma regax kellimhom dwar dan u sallum ma jafx jekk kinux barranin jew Maltin jew imhalltin. Mistoqsi jekk effettivament Michael Debono ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti kienx prezenti, ix-xhud wiegeb li iva hemm kien. Ix-xhud lanqas jaf jekk effettivament Pat Vella Gera kellhiex x'taqsam ma' din il-kwistjoni. Sostna li hu mexa biss skont id-direzzjoni moghtija lilu minn Veronica Zammit Tabona. Lanqas ma jaf effettivament jekk Pat Gera kellhiex xi rwol f'dan il-progett. Lanqas ma kien jaf jekk effettivament dakinhar kellhiex tattendi Pat Gera jew le.

**Marcelle Crystal Fenech** xehdet nhar is-27 ta' Mejju 2015 u spjegat bil-lingwa Ingliza tradotta ghall-lingwa Maltija li hija illum tahdem fl-Universita' ta' Malta u m'ghadhiex tahdem fil-Minsiteru tat-Turizmu. Tghid li waqfet tahdem mal-Minsiteru tat-Turizmu f'Jannar 2014. Qalet li ghal xi zmien kienet tahdem mat-Tourism Sustainable Unit. Tghid li tiftakar li kien hemm applikazzjoni ghall-fondi tal- Ewropa minn Villa Arrigo Limited pero' d-dettalji dwarha ma tiftakarhomx.

**Oliver Farrugia** xehed nhar is-27 ta Mejju 2015 u qal li huwa mpjegat mal-Awtorita' tat-Turizmu pero' jahdem fil-Ministeru tat-Turizmu u jiehu hsieb is-section responsabbli mill-fondi tal-Unjoni Ewropea li tissejjah *EU policy and Development Unit*. Qabel kienet maghrufa bhala *Tourism Sustainable Development U*nit u l-isem tal-Unit imbidel wara li kien hemm bidla fid-dekasteru. Ilu jiehu hsieb dan il-Unit minn Settembru tas-sena 2014. Jaf illi Villa Arrigo bdiet tibbenefika mill-fondi tal-EU pero' dettalji dwar il-beneficcju li inghatat ma jafhomx. Jghid illi d-dettalji possibilment tafhom Daniela Mallia, il-persuna li kienet tokkupa din il-kariga qablu jew Catherine Xuereb.

Meta rega' xehed fil-25 ta' Novembru, 2015 **Oliver Farrugia** stqarr li huwa konxju tal-mistoqsijiet li saru lix-xhud Catherine Role' permezz ta' ingunzjoni li harget fid-19 ta' Ottubru 2015. Qal li llum jinsab f'posizzjoni li jesebixxi risposta ta' dawn l-istess mistoqsijiet u konsegwentement esebixxa tliet faxxikoli li gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument A B C. Pero' mbaghad spjega li effettivament dawn il-faxxikoli huma tliet (3) kopji u li ghalhekk kien qed jezebixxi dokument wiehed li gie mmarkat bhala Dokument A u prezenzjalment ghadda kopja tal-istess liz-zewg partijiet. Qal li huwa m'ghamel l-ebda kontroll ma' Catherine Xuereb illum Role', u dan ghaliex din m'ghadhiex impjegata mal-Ministeru tat-Turizmu. Qal inoltre li ghamel ricerka mill-fajls tal-progett u pprova jirrispondi mill-ahjar li seta'.

**Catherine Xuereb** xehdet fis-27 ta' Mejju, 2015 fejn spjegat li tokkupa l-kariga ta' Implementation Executive mal-Ministeru tat-Turizmu. Tghid illi skont l-applikazzjoni li pprezentat Villa Arrigo Limited, l-project manager taghha kien Michael Debono personalment u dan kien applika taht sejha biex jghinu lil privat. Tispjega li filfatt kien hemm erba'

sejhiet u bhala principju kollha kienu l-istess pero' hargu fi zminijiet differenti, u tghid li filfatt Villa Arrigo Limited waqghet taht it-tieni sejha. L-applikazzjoni giet prezentata fit-30 ta' Novembru tas-sena 2009 u s-sejha nnifisha ghalqet dakinhar stess. Tghid illi l-applikazzjoni fiha naqra xoghol biex timtela' u sahansitra jigu ezebiti wkoll numru ta' dokumenti. Tispjega illi bhala skema huma jitolbu li jkun hemm *contact person* bejnhom u bejn il-beneficjarji u mhux bilfors din il-persuna tkun barra mill-kumpanija, jista' jkun membru ta' l-istess kumpanija u xoghlu jkun li jara l-progett ghaddej, qed jigi mplimentat, jekk ikun hemm xi domandi min-naha taghhom dan iwegibhom, huwa jkun il-*point of contact* taghhom u sahansitra anki jibaghtulu l-korrispondenza. Qalet li filfatt hemm rwol amministrattiv li jista' jirrikjedi wkoll xi *site inspections*. In segwitu', una volta tigi approvata l-applikazzjoni, jkun implimentat il-progett. Il-progett ghandu jigi mwettaq kif gie stabbilit fil-*grant agreement*. Ikkonfermat li l-kumpanija in kwistjoni hija ta' daqs medju, ghalhekk ma setghetx tiehu aktar minn *forty per cent* mill-ammont, kif effettivament hadet. Sostniet li diment li jkollhom fondi, l-*forty per cent* jithallas kollu. Jghid illi *decommittment* saret *at a later stage in stages*.

Spjega li filwaqt ta' l-*evaluation* sabu xi affarijiet li ma kienux eligibbli u cioe' *PR and marketing, marketing consultancy, project management, restoration of portico u rehabilitation of irrigation of canals, sumps and reservoirs*. Huwa esebixxa dan id-dokument li l-Qorti immarkat bhala Dokument MF. Qalet li una volta l-progett ikun *submitted* lil TSDU, dan jigi evalwat minn grupp ta' nies ohra. Qalet li hemm tliet fazijiet fejn jaraw li fl-application ikunu dahlu d-dokumenti kollha. L-affarijiet li jkunu tawhom bhala *activities* eligibbli, ikun hemm *quotes* tlieta minn kull supplier differenti. Naturalment ma' kull decizjoni hemm dritt ta'

appell u l-bord li jisma' l-appell, ikun wiehed separat. It-tieni fazi huwa maghruf bhala *preliminary* fejn jaraw ir-*risk* fis-sens ta' *budget*, kemm hu twil il-progett, kemm ha jiehu zmien biex jigi mplimentat u mbaghad hemm it-tielet fazi li hija *strategic* biex jaraw li l-progett ta' *environmental sustainability, employment tourism policy, ICT innovation* u affarijiet simili. Imbaghad il-progett jigi rankjat qisek qieghed f'ezami u jasal ir-raba' stadju fejn il-progett jigi accettat jew le u naturalment skont kemm tigi 'l fuq, skont kemm ikun hemm *funds* jigu approvati.

Mistoqsija jekk sarx xi appell fuq dawn id-*decommitments* imsemmija f'dokument MF, (fol. 266), tghid li iva saru. Tghid li effettivament kienet giet ipprezentata ittra minn Michael Debono flimkien ma' numru ta' dokumenti relatati. L-appell kien gie deciz u kien gie *partially accepted.* Giet accettata l-parti tal-appell li jikkoncerna biss ir-*resevoirs* u *sumps* u x-xoghol li kellu jsir fl-*irrigation* tal-*canal*.

Hija esebiet dokument li gie mmarkat bhala Dokument MF1 (fol. 269). Mistoqsija jekk f'kaz li din il-parti tal-appell waqa', cioe' kienu kienux ma gewx accettati *r-rehabilitation of irrigation of canal, sumps and resevoirs* jew jekk kienx jaqa' l-progett kollu, spejgat illi min-naha ta' budget ma kienx jaqa'. Bhala *evaluation* u *strategic* pero' ma tistax twiegeb. Sostniet tghid illi huma kellhom *treshold* sa €15,000. Inqas minn €15,000 ma kienux jaccettaw progetti minhabba x-xoghol li fihom. Min-naha ta' evaluation qalet li mhix esperta u ma tistax tghid. Qalet illi fuq l-*elevuation* kien hemm involuti nies ohra fosthom Dr. Marguerite Camilleri fuq *environmental sustainability*, Dr Ruth Farrugia fuq *equal opportunities*, Mr Jesmond Sciberras fuq ICT, Ms Nathalie Debono fuq *innovation*, Mr Godwin Mifsud fuq *employment* u Dr Mary Louise Mangion fuq *tourism policy*.

Tghid li l-affarijiet indikati fuq id-Dokument MF kienu *decommitted* u dan ifisser li ma kienux eligibbli. Jekk kellhomx xi kuntatt ma' Michael Debono waqt li l-progett kien ghaddej, tghid illi bhala *project manager* kull ma kellhom bzonn kienu jikkomunikaw mieghu u skont il-korrispondenza li ghandha dan sehh mill-bidu sat-tmiem. Mistoqsija x'percentwalita' minn dawk il-40% hadet Villa Arrigo dwar dan il-progett tghid illi l-*final budget* li giet moghtija lilha kien fl-ammont ta' €18,000. Meta gie approvat il-progett il-*grant agreement* kien ta' €20,707.71 u mbaghad kien hareg *addendum* mal-*grant agreement* u peress li kien hemm xi inezattezzi dwar xi *invoices* li gew prezentati kien hemm *decommittment* f'dan l-ammont. Esebiet dokument li gie markat bhala Dokument MF2, fl-ammont ta' €722.88 u kien hemm *decommission* ohra ta' *payment* iehor fl-ammont ta' €4,045.02. Dan ukoll jirrizulta mid-dokument MF2. B'referenza ghall-invoice number iehor, kien hemm ammont iehor ta' €978 li gie *decommitted* ukoll. Flimkien dawn it-tliet pagamenti jammontaw ghal €5,745.90. Mistoqsi min gab dawn l-invoices ma tistax tghid u ghalhekk ma tafx min kien responsabbli ghal dan in-nuqqas.

**Michael Debono** ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti rega xehed fid-9 ta' Marzu, 2016 in kontro-esami u spjega li r-rwol ta' *project manager* fil-progett ta' fondi Ewropej tat-turizmu li jinvolvi r-rwol ta' *liaison* bejn il-beneficcjarju u d-dipartiment li jiehu hsieb l-immanigjar tal-progett. Qal li skont dak li qalu r-rapprezentanti tad-dipartiment, partikolarment b'referenza ghal dak li qal Oliver Farrugia a fol. 473 tal-atti, hu kien il-*liaison project manager* mill-bidu sal-ahhar, fis-sens li ma kienx hemm tibdil fil-project manager mid-dokumentazzjoni li kellhom. Mistoqsi jekk

ix-xoghol li ghamel kellux effett fir-rigward tal-flus li eventwalment inghataw lis-socjeta' konvenuta, qal li x-xoghol tieghu kien li jipprezenta l-*claims* li naturalment kienu jkunu kombacjati ma' *invoices* u pagamenti. Kien jghaqqad kollox u jipprezentahom. Spjega li d-dokumentazzjoni kienu jigu moghtija lilu minn Patricia Gera l-Accountant tas-socjeta' konvenuta. Qal ukoll li filfatt kienet din li taghmel *liaison* mas-suppliers billi tigbor l-invoices, taghmel il-pagament u dak kollu li kien hemm bzonn, u hu ma kellux kontroll fuq ix-xoghlijiet li effettivament kienu jigu affettwati u lanqas li jaghzel il-haddiema relatati.

Spjega li l-process huwa li l-ewwel issir applikazzjoni, jigi prezentat *budget* li naturalment ikun *backed* bil-*quotations*, u jsir process ta' evalwazzjoni mid-dipartiment. Tul dak il-process gieli jkun hemm kazi li d-dipartiment ma jaccettax certu spejjez, u f'dan il-kaz kien hemm ukoll certu kazijiet fejn m'accettawx l-ispejjez li kienu qed isiru waqt l-evalwazzjoni. Sussegwentement fejn id-dipartiment ma jaccettax certu spejjez huwa jaghmel appell li xi drabi jintrebah u gieli le. Sostna li dan pero' mhuwiex *decommitment*. Spjega li *decommitment* ifisser li l-ewwel ikun hemm l-*agreement* bejn il-beneficarju u d-dipartiment u ghalhekk ikun hemm il-*commitment* tal-fondi u waqt il-process tal-*claims* fejn qed issir talba ghar-revizjoni tal-flejjes ikun hemm xi spejjez li ma jigux accettati u jigi *decommited*. Il-beneficarju filfatt iffirmat l-*agreement* u ghalhekk l-affarijiet li tnaqqsu sewwa mill-evalwazzjoni originali gew accettati minn Veronica Zammit Tabona meta ffirmat l-*agreement*. Zied li jaf li f'dan il-kaz kien hemm *decommitment* u inoltre li kien hemm erba' cirkostanzi fejn id-dipartiment ma accettax l-ispejjez inizjalment. Minn dawn l-erbgha qal li tlieta gew *decommitted* u wiehed le. Kompla li tnejn minn dawk li gew *decommitted* jammontaw ghal €978 u €4045.02. Dawn kienu zewg invoices ta' supplier li ma gewx accettati mid-dipartiment 'il

ghaliex kienu datati xhur qabel id-data tal-approvazzjoni tat-talba li saret minnu biex ikun hemm *change in supply*. Zied jispjega li t-tielet wiehed, li kien jammonta ghal €722.88, jirrapprezenta *invoice* tal-perit Joseph Camilleri li giet prezentata fil-*claim* wara li hu kien gibed l-attenzjoni ta' Villa Arrigo li l-ispejjez ta' taht il-*budget heading* kienu inqas minn dawk li effettivament kienu gew moghtija lilna mill-fondi. Ikkonferma li jaf illi Pat Gera kienet tkellmet mal-perit Camilleri u li dan kien hargilha *invoice* ghal dak l-ammont. Sostna li d-dipartiment m'accettax peress li l-kwotazzjoni originali kienet mill-bennej Joseph Camilleri. Huma kienu jafu illi din kienet *long shot*, xorta ppruvaw pero' ma rnexxielhomx. Skont ix-xhud D-Consulta ma kienitx responsabbli ghad-*decommitment* ta' dawn it-tlett affarijiet u dan ghaliex huwa kien gie nfurmat bic-*change in supplier* mill-klijent tard wisq u r-raba' cirkostanza li kienet qed twassal ghal *decommitment* kienet tirraprezenta numru ta' fatturi mahruga mill-bennej Joseph Camilleri li hu kien gibed l-attenzjoni ta' Patricia Gera dwarhom ghaliex ma kinux skont il-VAT Act. Pat Gera kienet gharrfitu illi l-bennej kien bniedem illiterat u ma setax jaghmel mod iehor. Cio' nonostante huma xorta ssottomettew dawn l-invoices, pero' mbaghad id-dipartiment kien qalilhom li ma kinux accettabli u minhabba dawn ic-cirkostanzi hu stess kien iddecieda li johloq *template* ghal dik l-invoice li tkun skont il-VAT Act u rega' ssottomettiehom, pero' d-dipartiment m'approvahomx peress li sab zball fid-data, li stqarr li kien zball tieghu.

Qal li permezz tal-avukat tieghu hu kien kiteb lid-dipartiment, liema ittra tinsab ezebita fl-atti mmarkata bhala Dokument N fl-affidavit tieghu, u wara li accettaw dan iddecidew li ma jaghmlux *decommitment* f'somma ta' erbatax-il elf tlett mija u tlieta u tmenin Ewro (€14,383). Ix-xhud zied jghid li hu dejjem appella mid-decizjonijiet, anke fit-tliet *decommitments*

l-ohra minkejja li effettivament gieli kien ikun tal-fehma li kien ikollhom ragun. Sostna li kien jaghmel dan biex jghin lill-klijent biex jiehu l-fondi. Is-somma fit-talba rikorrenti tieghu tikkonsisti f'*success fee* fejn huwa applika l-persentagg u l-flus li attwalment Villa Arrigo irceviet, minkejja li kellu dritt jitlob persentagg fuq l-ammont kollu li talbet is-socjeta' Villa Arrigo. It-tieni element tal-invoices tieghu jirreferi ghal xoghol ta' *project manager* maghmul minnu.

**Michael Debono** kompla jixhed in kontro-ezami fl-1 ta' Gunju, 2016 u spjega li hu kien ghamel *agreement* mas-socjeta' Villa Arrigo Limited rigward l-applikazzjoni li kellha tigi inserita ghall-fondi Ewropej. Dan il-ftehim jinsab ezebit fl-atti mal-affidavit tieghu u ghadd ta' dokumenti. Qal li dak huwa l-unika ftehim li kien hemm bil-miktub. Pero' zied li wara li l-applikazzjoni kienet giet accettata u l-progett kien beda, s-socjeta' intimata kienet qabdet lis-socjeta' rikorrenti sabiex tiehu hsieb il-*project management* relatat ma' dan il-kuntratt. Qal illi l-ftehim dwar il-*project management* kien wiehed verbali u li kien ukoll wiehed implicitu fis-sens illi meta kienu jcemplulu w jibghatulu emails biex jaghmel xi affarijiet jew biex jivverifikaw jekk ix-xoghol kienx sar, fehem li kien ftehim implicitu. Is-socjeta' rikorrenti kellha tghin lis-socjeta' intimata fl-implimentazzjoni tal-progett. Mistoqsi jekk kienx hemm xi ftehim verbali dwar il-hlasijiet li kellu jircievi, wiegeb illi fir-rigward ta' *project management* meta jispicca l-implimentazzjoni tal-progett hu jaghmel *invoice* tal-hin li jkun hela hu w l-impjegati tieghu fuq dak il-progett u naturalment johorgu wkoll *invoice* dwar is-*success fee* fl-ahhar tal-progett. Mistoqsi jekk kienx hemm xi ftehim dwar l-*hourly rate* wiegeb li ma jiftakarx li kien hemm xi ftehim minn qabel.

Ikkonferma dak li qed jintalab fir-rikors promotur, u cioe' li hu qed jitlob is-somma ta' €1,086.15 bhala *success rate* u l-bilanc cioe' €4,631.50 li tirraprezenta *hourly rate* tax-xoghol li ghamel. Qal li s-*success rate* huwa kien imsemmi fil-ftehim bil-miktub li kien hemm bejniethom ekwivalenti ghal five per cent (5%) tal-*grant* illi s-socjeta' effettivament u finalment tircievi. Spjega li ghalhekk kien applika five per cent fuq il-flus li fl-ahhar nett irceviet is-socjeta' konvenuta, li kien bejn wiehed u iehor xi tmintax-il elf. Kompla jispjega li fl-agreement li kellhom bil-miktub hemm imnizzel illi l-five per cent (5%) japplika fuq il-grant li s-socjeta' intimata tkun intitolata ghalih, pero' hu m'applikax il-five per cent (5%) fuq dan l-ammont izda fuq is-somma li effettivament irciviet l-istess socjeta' li naturalment kienet somma inqas mill-*awarded grant*. Mistoqsi x'tip ta' *benchmark* uza fir-rigward tal-*hourly payment* qal illi l-kumpanija zzomm sistema ta' *time sheet* u fuq il-bazi ta' total ta' sieghat li gew mahduma fuq perjodu ta' kwazi tliet snin hu ccargja dak l-*hourly rate*. Is-sommarju ta' dawn it-*timesheets* ukoll gie anness mal-affidavit tieghu. Ir-rata kienet xi hamsa w tletin (€35) s-siegha li fi kliemu hija rata *medium to low*.

Rat in- nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta'attrici prezentata fl-atti nhar il-11 ta' Awwissu 2016 u dik responsiva tas-socjeta' intimata prezentata nhar it-3 ta' Ottubru 2016.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2016 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi in breve din il-kawza tikkoncerna talba mis-socjeta attrici sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha is-somma ta' hamest elef sebgha mija w sbatax-il Ewro w hamsa w sittin centezmu (€5,717.65) rappresentanti din is-somma in kwantu ghal erbat elef sitt mihja w wiehed u tletin Ewro w hamsin centezmu (€4,631.50) ghal servizz ta' *project management* u in kwantu ghas-somma ta' elf u sitta w tmenin Ewro u hmistax-il centezmu (€1,086.15) bhala *success fee*, u dan skond ftehim iffirmat bejn il-partijiet fil-15 ta Gunju 2009. Is-socjeta intimata issostni li l-ammont ta' erbat elef sitt mija u wiehed u tletin Ewro u hamsin centezmu (€4,631.50) ma hux konsistenti ma' dak miftiehem bejniethom. Waqt li ukoll tecepixxi li s-somma ta' elf u sitta w tmenin Ewro u hmistax-il centezmu (€1,086.15) mhix dovuta ghaliex hija tilfet fondi b'rizultat ta' xoghol li sar mis-socjeta' rikorrenti u li l-fondi li spiccaw ingabru kienu biss dawk bhala rizultat tax-xoghol li ghamlet hi stess. In oltre tghid ukoll is-socjeta' intimate, li x-xoghol li gie esegwit mis-socjeta' rikorrenti ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Illi ghalhekk din il-Qorti trid fl-ewwel lok tezamina il-ftehim li gie redatt bejn il-partijiet u appuntu dak esebit fl-atti a fol. 66 li hu l-*letter of engagement*. F'dan il-ftehim is-socjeta' rikorrenti obbligat ruhha li tiehu hsieb l-applikazzjoni tas-socjeta' intimata sabiex tiehu sussidju ghal iskema maghrufa bhala '*Sustainable Tourism Projects by Enterprises'*. Jinghad f'dan il-ftehim li l-hlas ghall-ewwel applikazzjoni kellu jkun ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) u ghal kull applikazzjoni sussegwenti kellu jkun hemm hlas ta' disgha mitt Ewro (€900) oltre il-VAT dovut. Jinghad ukoll li f'kaz li jkun hemm success fl-applikazzjoni, ikun hemm *a success fee* dovut fl-ammont ta' 5% *excluding* VAT tas-sussidju li jkun ha l-klijent. Jinghad ukoll li tali hlas kellu jkun identifikat fl-applikazzjoni li kienet ser tiehu hsieb l-istess socjeta' rikorrenti taht l-intestatura

'*consultancy services'*. Jinghad ukoll li s-*success fee* trid tithallas fi zmien tliet (3) xhur li s-sussidju jigi approvat.

Illi apparti dan il-ftehim esebit fl-atti a fol 66 u cioe' l-*engagement letter,* jirrizulta li hemm ukoll it-'*terms and conditions for the engagement'* li huma annessi ma' dan il-ftehim u li ghandhom jifformaw parti integrali minn dan l-istess ftehim. Dawn huma imsejha '*Terms and Conditions for EU funding services*.'

Fil-paragrafu intestat '*d*' tat-'*Terms & Conditions'* hemm imnizzel ukoll li s-socjeta' rikorrenti tkun intitolata wkoll li tithallas, apparti il-hlasijiet fuq imsemmija, ghal '*Project Additional Services'* jekk is-socjeta' intimata titlob tali servizzi u dan il-hlas ghandu isir b'mod indipendenti mill-hlasijiet l-ohra, pero' dwar dan ghandu jkun hemm ftehim apparti u l-hlas isir skond dak l-istess ftehim.

Illi mhux kontestat li kien dan il-ftehim li rabat ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti, kif stqarret Veronica Zammit Tabona, Direttur tas-socjeta' intimata meta xehdet fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2014.

Illi mhux kontestat li in effetti kienet is-socjeta' rikorrenti li pprezentat l-applikazzjoni, kif del resto ikkonfermat Veronica Zammit Tabona li qalet li giet mtiluba tiffirma l-applikazzjoni fi tliet postijiet differenti wara li din kienet ghaddiet l-informazzjoni rikjesta minnha. Din l-applikazjoni, bhal kull applikazzjoni ohra, ghaddiet minn process twil ta'evalwazzjoni u sussegwentement jidher li giet accettata.

Illi skond l-applikazzjoni li giet sottomessa u acettata mit-TSDU, is-socjeta' intimata kienet intitolata ghal 40% tas-somma ta' €51,769.27

(fol.122) (liema somma tirrapprezenta il-valur tal-progett kollu) u ghalhekk dan ifisser li s-socjeta' intimata setghet tircievi bhala massimu s-somma ta' €20,707.71. Illi pero' jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita kif ukoll mix-xhieda tal-kontendenti li s-somma gietx kollha accettata izda kien hemm parti li kienet ineligibbli kif elenkat fl-ittra datata 6 ta' Mejju 2010 fol. 151 et seq tal-process u dan kif spjega Oliver Farrugia fix-xhieda tieghu. Ghalhekk ma kienitx giet milqugha it-talba tas-socjeta' intimata ghal sussidju sabiex isir *Restoration of Portico and Rehabilitation of irrigation canals, sumps and reservoirs* u l-*item 'Networking'* b'referenza ghal *Interactive Kitchen Information System.* Dwar dawn ftit li xejn hemm x'jinghad f'dan l-istadju, la mhumiex konnessi mat-talba rikorrenti. Cio' nonostatne is-socjeta' rikorrenti kienet intavolat appell dwar dak li kien gie deciz u skond id-dokument esebit fl-atti u markat bhala Dok MF1 a fol 269 tal-process, l-appell gie milqugh in parti u kien ser ikun hemm sussidju dwar *Rehabilitation of irrigation canals, sumps and reservoirs* ukoll.

Illi ghalhekk jista' jinghad li l-applikazzjoni li pprezentat is-socjeta' rikorrenti kellha success u dan ghaliex is-socjeta' intimata kienet accettat l-applikazzjoni u bdiet bix-xoghol kif kellu jsir skond l-istess applikazzjoni sabiex b'hekk kien isir il-ko-finanzjament. Ghalhekk stante li l-applikazzjoni kellha success, is-socjeta' intimata ghandha thallas lis-socjeta' rikorrenti ghal dan is-success u b'hekk thallas dak li kienet obbligata li thallas u cioe' il-*5% success fee* imsemmija fil-ftehim originali taghhom tal-15 ta' Gunju 2009.

Illi in segwitu' bdiet it-tieni fazi tal-progett u cioe' li jibda il-progett skond l-applikazzjoni li kienet ipprezentat is-socjeta' rikorrenti bil-ghan li is-socjeta' intimata tircievi il-flejjes li kienu gew *committed* lilha. Jidher

li anke f'din it-tieni fazi u cioe' tal-*project management,* u cioe' ta' sorveljanza tal-progett, thalliet f'idejn is-socjeta' rikorrenti, kif stqarru Catherine Xuereb fix-xhieda taghha tas-27 ta' Mejju 2015 li qalet li kienet tikkomunika dejjem ma' Michael Debono mis-socjeta' rikorrenti fuq dan il-progett u dan mill-bidu sat-tmiem (vide fol. 349) u Oliver Farrugia li jghid li ma kienx hemm tibdil fil-*project manager* ( fol. 473) u dan sat-12 ta Ottubru 2012 fejn imbaghad dan ix-xoghol beda jsir mill-beneficjarju innifsu. Veronica Zammti Tabona ukoll taccetta li Michael Debono kien il-*liason officer* ta' bejnha u id-dipartimenti tal-Gvern fuq din il-materja in konnessjoni ma' din l-applikazzjoni ghas-sussidju.

Bhala fatt jirrizulta, skond ix-xhieda ta' Michael Debono moghtija minnu fl-1 ta Gunju 2016 (fol. 575) u li mhux kontestata, li l-applikazzjoni tas-socjeta' intimata giet prezentata fis-27 ta' Novembru 2009 u l-progett gie esegwit tant li l-ahhar fondi gew moghtija lis-socjeta' intimata fl-ahhar ta' Settembru 2012 u is-socjeta' rikorrenti kienet qed titlob hlas ghal *project management* ghal dawn l-ghoxrinn (20) xahar (vide l-affidavit ta' Michael Debono a fol. 22 meta jitkellem dwar il-hlas li kellu jsir). F'dan il-perijodu ma jidhirx li kien hemm xi ilment min-naha tas-socjeta' intimata u dan ghaliex ma gie esebit l-ebda dokument f'dan ir-rigward, kien biss wara li kienet irceviet il-flejjes li donnu inqala' xi dizgwid bejn il-kontendenti.

Illi bhala fatt jirrizulta li minkejja li kienu gew allokati s-somma ta' ghoxrin elf, sebgha mija w sebgha Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€20,707.21) is-socjeta intimata spiccat hadet is-somma ta' tmintax-il elf erbgha mija w disgha Ewro u hamsa w tletin centezmu (€18,409.35) (skond id-dokument L (a fol 122) u dan ghaliex kien hemm erba' *decommitements* fis-somma totali ta' elfejn mitejn u tmienja w disghin

Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2,298.37) minkejja li wiehed minnhom kien gie appellat mis-socjeta' rikorrenti u mirbuh ghal beneficcju tas-socjeta' intimata.

Illi bhala fatti ma hemmx wisq aktar x'jinghad. Issa dwar it-talba tar-rikorrenti jidher din li qed tibbaza t-talba taghha fuq zewg binarji - wahda fuq is-*success fee* imsemmija fil-*letter of engagement*,u l-ohra fuq il-*project management fee* li johorg mit-*Terms and Conditions* anness mal-*letter of engagement*. Jidher li l-ammont ta' elf u sitta w tmenin Ewro u hmistax-il centezmu (€1,086.15) jirrapprezenta il-5% fuq l-ammont li s-socjeta' intimata irceviet u cioe' l-ammont ta' tmintax-il elf erbgha mija w disgha Ewro u erbgha u tletin centezmu (€18,409.34) (vide fol. 94). Dwar din it-talba ma jidhirx li ghandu jkun hemm xi kwistjoni ghaliex huwa car li l-applikazzjoni kienet wahda li tat rizultat prosittiv u ghalhekk success, tant li is-socjeta' intimata irceviet is-somma ta' €18,409.34. Is-socjeta' intimata qed tippretendi li ma thallasx din is-somma ghaliex in effetti ma ircevietx bhala fondi is-somma kollha pretiza minnha minhabba negligenza da parti tas-socjeta' rikorrenti. Mill-atti processwali ma jidhirx li effettivament in-nuqqas ta' fondi li gew allokati lis-socjeta'intimata kienu attribwibbli lis-socjeta' rikorrenti, anzi *a dirittura* ghan-nuqqasijiet tal-istess socjeta' rikorrenti, u ghalhekk bla tlaqliq jinghad li din is-somma hija dovuta.

Dwar it-tieni somma u cioe' dik ta' erbat elef sitt mija u wiehed u tletin Ewro u hamsin centezmu (€4,631.50), jinghad li din tirrappresenta il-*project management fee* kif indikat fid-dokument anness mal-*letter of engagement* fejn hemm imnizzel li s-socjeta' intimata kellha thallas ghal servizz addizzjonali oltre l-intavolar tal-appikazzjoni. Jidher li is-socjeta' intimata mhux qed taccetta li thallas din is-somma ghaliex tghid li kienet

hi stess li hadet hsieb il-maniggjar tal-progett. Illi huwa minnu li ma kienx hemm ftehim dwar *hourly rate* li kellha tithallas is-socjeta' rikorrenti ghax-xoghol addizzjonali taghha, pero' zgur li kien hemm ftehim li din is-socjeta' rikorrenti kienet intitolata ghal hlas ghal tali xoghol addizzjonali li kellha taghmel. Mhux kontestat li hija ghamlet dan ix-xoghol addizzjonali u lanqas ma huma kontestati is-sieghat li qed tghid li ghamlet. Li hu kontestat hu l-ammont ta' hamsa w tletin Ewro (€35) fis-siegha li kienet qed ticcargja u li s-servizz li tat kien wiehed mhux skond is-sengha u l-arti u li ghalhekk ma hux dovut. Illi minkejja li huwa minnu li ftehim *ut sic* dwar *project mangement* ma kienx hemm, pero' kien hemm ftehim li s-socjeta' intimata kellha thallas ghal servizz addizzjonali u ghal dak li ghamlet is-socjeta' rikorrenti bhala servizz addizzjonali jista' facilment jigi deskritt bhala *project management, molto piu*' meta tqis li Veronica Zammit Tabona stqarret li kienet ser tiehu *over* il-progett u dan fl-email taghha tas-16 ta' Ottubru 2012 esebita fl-atti a fol. 126. *A contrario senso* dan l-email innifsu ifisser li sa dakinhar tas-16 ta' Ottubru 2012 il-progett kien qed jigi immaniggjat mis-socjeta' rikorrenti stess. Is-socjeta' rikorrenti esebiet it-*time sheets* taghha li sfortunatament is-socjeta' intimata lanqas biss tat kazhom u ghalhekk fid-dawl ta' dan in-nuqqas tas-socjeta' intimata, li ma ezaminatx dawn it-*time sheets*, ma jistax jinghad li effettivament dawk is-sieghat indikati f'dawk id-dokumenti ma inzammux. Il-fatt li is-socjeta' rikorrenti, li tipprovdi *consultancy advice* fuq progetti tal-EU ticcargja hamsa u tletin Ewro (€35) fis-siegha, mhux xi ammont ezagerat u fic-cirkostanzi odjerni l-Qorti thoss li huma ragjonevoli fin-nuqqas ta' ftehim iehor, u ghalhekk sejra taccettahom stante li huwa d-dover tal-gudikant li jaghti gudizzju oggettiv dwar dak li qed jintalab fin-nuqqas ta' fethim *ad hoc*. Ghaldaqstant din it-tieni somma mitluba mis-socjeta rikorrenti ta' erbat

elef sitt mija u wiehed u tletin Ewro u hamsin centezmu (€4,631.50) ghandha tigi ukoll accettata bhala hlas li hu dovut lis-socjeta' rikorrenti.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li qieghda tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata, qieghda tilqa' it-talba rikorrenti b'dan illi qieghda tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma mitluba minnha fir-rikors promotur fl-ammont ta' hamest elef, sebgha mija w sbatax-il Ewro u hamsa u sittin centezmu (€5,717.65) u dan bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors promtur.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.**

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.
Magistrat

Marbeck Spiteri
Deputat Registratur